# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI TRSTENJAK

ippreżentati fl-4 ta' Settembru 2008 [1]

## Werrej

I — Introduzzjoni . . . . . I - 2126

II — Il-kuntest ġuridiku . . . . . I - 2127

A — Il-leġiżlazzjoni Komunitarja . . . . . I - 2127

B — Il-leġiżlazzjoni nazzjonali . . . . . I - 2129

III — Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari . . . . . I - 2130

IV — Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 2133

V — Argumenti prinċipali tal-partijiet . . . . . I - 2134

A — Fuq l-ewwel domanda . . . . . I - 2134

B — Fuq it-tieni domanda . . . . . I - 2135

C — Fuq it-tielet domanda . . . . . I - 2136

D — Fuq ir-raba' domanda . . . . . I - 2138

E — Fuq il-ħames domanda . . . . . I - 2140

VI — Analiżi . . . . . I - 2142

A — Rimarki introduttorji . . . . . I - 2142

B — Fuq l-ewwel domanda . . . . . I - 2143

1. Il-metodi ta' interpretazzjoni applikabbli . . . . . I - 2143

2. Id-drittijiet individwali fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 2144

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

3. Interpretazzjoni tad-direttivi inkwistjoni . . . . . I - 2146

4. Konklużjonijiet . . . . . I - 2149

C — Fuq it-tieni domanda . . . . . I - 2150

1. Il-libertajiet fundamentali bħala drittijiet pubbliċi suġġettivi . . . . . I - 2150

2. Supremazija tad-dritt sekondarju . . . . . I - 2151

3. Konklużjonijiet . . . . . I - 2153

D — Domanda preliminari għat-tielet u r-raba' domandi . . . . . I - 2153

1. Kompetenza tal-leġiżlatur nazzjonali . . . . . I - 2153

2. Rekwiżiti ta' ekwivalenza u effettività . . . . . I - 2154

3. Konklużjonijiet . . . . . I - 2155

E — Fuq it-tielet domanda . . . . . I - 2156

1. Relevanza tad-domanda . . . . . I - 2156

2. Il-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu bħala mekkaniżmu ta' stħarriġ oġġettiv tal-legalità . . . . . I - 2157

3. Nuqqas ta' ħtieġa li jingħata trattament privileġġat lid-dritt għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat . . . . . I - 2158

4. Konklużjonijiet . . . . . I - 2158

F — Fuq ir-raba' domanda . . . . . I - 2159

1. Rimarki introduttorji . . . . . I - 2159

2. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 2160

3. Tqabbil mar-regola ta' preskrizzjoni tal-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 2161

4. Konklużjonijiet . . . . . I - 2162

G — Fuq il-ħames domanda . . . . . I - 2162

1. L-eżistenza ta' obbligu tal-persuna kkonċernata li tipprevjeni d-dannu . . . I - 2162

2. Ir-raġonevolezza tal-fatt li jittieħdu passi għall-protezzjoni ġudizzjarja tad-dritt primarju . . . . . I - 2164

3. Ir-raġonevolezza tal-fatt li jittieħdu passi għall-protezzjoni ġudizzjarja taddritt primarju f'każ ta' ħtieġa li ssir domanda preliminari jew f'każ ta' proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu . . . . . I - 2165

VII — Konklużjonijiet . . . . . I - 2166

## I — Introduzzjoni

1. Din il-kawża hija bbażata fuq deċiżjoni ta' rinviju tal-Bundesgerichtshof abbażi tal-Artikolu 234 KE, li permezz tagħha l-qorti tarrinviju ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ħames domandi dwar l-interpretazzjoni talprinċipju ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Istati Membri f'każ ta' ksur tad-dritt Komunitarju.

2. Dawn id-domandi ġew issollevati filkuntest ta' kawża bejn Danske Slagterier? assoċjazzjoni professjonali ta' kumpanniji Daniżi ta' biċċeriji u ta' rziezet Daniżi li jrabbu l-majjali organizzati fil-forma ta' kooperattiva? (iktar 'il quddiem: ir-rikorrenti) minn naħa waħda, u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja (iktar 'il quddiem: il-konvenuta) min-naħa l-oħra, li tirrigwarda talba għal kumpens għad-danni magħmula mir-rikorrenti minħabba traspożizzjoni ħażina tad-Direttivi 64/433/ KEE — fil-verżjoni kif emendata bid-Direttiva 91/497/KEE [2] — u 89/662/KEE [3].

3. Dawn id-domandi essenzjalment jirrigwardaw ir-rekwiżiti għal pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi taddritt Komunitarju, il-kwistjoni jekk għandux jitqies li jeżisti obbligu ta' prevenzjoni taddanni sofferti mill-vittmi li jaġixxu ġudizzjarjament biex jipproteġu d-drittijiet tagħhom, kif ukoll l-applikazzjoni tar-regoli ta' preskrizzjoni li fil-prinċipju huma rregolati mid-dritt tal-Istati Membri.

2 — Direttiva tal-Kunsill tad-29 ta' Lulju 1991 li temenda u tikkonsolida d-Direttiva 64/433/KEE dwar problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intrakomunitarju f'laħam frisk sabiex tiġi estiża għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' laħam frisk (ĠU L 268, p. 69).

3 — Direttiva tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern (ĠU L 395, p. 13).

**II — Il-kuntest ġuridiku**

A — *Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

4. L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 64/433 fil-verżjoni kif emendata bid-Direttiva 91/497 jgħid:

"(1) L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-veterinarju uffiċjali jiddikjara mhux tajjeb għal konsum uman:

[…]

o) laħam li jagħti riħa sesswali pronunzjata.

[…]"

5. L-Artikolu 6(1) tal-imsemmija Direttiva jipprovdi wkoll:

"(1) L-Istati Membri għandhom jassiguraw li:

[…]

b) laħam minn:

[…]

iii) mingħajr preġudizzju għall-każijiet previsti fl-Artikolu 5(1)(o) majjali maskili mhux kastrati b'karkassa ta' iktar minn 80 kilogramma, ħlief meta l-istabbiliment huwa kapaċi jiggarantixxi permezz ta' metodu rikonoxxut mill-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16, jew fl-assenza ta' dan il-metodu b'metodu rikonoxxut mill-awtorità kompetenti kkonċernata, li l-karkassi qegħdin jemittu riħa pronunzjata ta' ċingjal [sesswali] jistgħu jinkixfu, ikollu l-marka speċjali pre-

vista bid-Deċiżjoni Nru 84/371/KEE [tal-Kummissjoni tat-3 ta' Lulju 1984 li tistabbilixxi l-karatteristiċi tal-marka speċjali għal-laħam frisk msemmi fl-Artikolu 5(a) tad-Direttiva 64/433/KEE (ĠU L 196, p. 46)] u jgħaddi minn wieħed mit-trattamenti previsti fid-Direttiva 77/99/KEE [tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar il-problemi ta' saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' prodotti tal-laħam (ĠU 1977, L 26, p. 85), emendata l-aħħar bid-Direttiva 89/662];

[…]

ġ) it-trattament previst fil-punti preċedenti jsir fi stabbiliment ta' oriġini jew xi stabbiliment ieħor nominat mill-veterinarju uffiċjali;

[…]"

6. L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 89/662 jgħid:

"(1) L-Istati Membri tad-destinazzjoni għandhom jimplimentaw il-miżuri li ġejjin:

a) L-awtorità kompetenti tista', fil-postijiet ta' destinazzjoni ta' l-oġġetti, tiċċekja bl-użu ta' spezzjonijiet veterinarji mhux diskriminatorji fil-lok, li l-ħtiġiet ta' l-Artikolu 3 kienu ġew mħarsa; Hi tista' tieħu kampjuni fl-istess ħin.

Barra minn hekk, meta l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' transitu jew ta' l-Istati Membri ta' destinazzjoni għandha l-informazzjoni li twassalha biex tissusspetta kull ksur tal-liġi, spezzjonijiet jistgħu jsiru wkoll matul it-trasport ta' oġġetti fit-territorju tagħha, inkluż spezzjonijiet fuq konformità rigward il-mezzi tat-trasport".

7. L-Artikolu 7 tad-Direttiva 89/662 jgħid:

"(1) Jekk, waqt kull spezzjoni mwettqa fil-post tad-destinazzjoni ta' kull konsenja jew matul il-vjaġġ, l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru jistabbilixxu:

[…]

b) li l-oġġetti ma jilħqux il-kondizzjonijiet stabbiliti mid-direttivi tal-Komunità, jew, fl-assenza ta' deċiżjonijiet dwar l-istandards tal-Komunità provduti mid-direttivi, permezz ta' standards nazzjonali, jistgħu, kemm-il darba jippermettu konsiderazzjonijiet ta' saħħa u saħħa ta' l-annimali, jagħtu l-fornitur jew ir-rappreżentant tiegħu l-għażla li:

— jeqirdu l-oġġett, jew

— jużaw l-oġġetti għall-għanijiet oħra, inkluż li jirritornawhom bl-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti tal-pajjiż li stabbilixxa l-oriġini."

8. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 89/662 jipprovdi:

"(1) Fil-każijiet li hemm provdut għalihom fl-Artikolu 7, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni għandu jagħmel kuntatt ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-dispaċċ mingħajr dewmien. L-awtoritajiet ta' l-aħħar għandhom jieħdu kull miżura meħtieġa u javżaw lill-awtorità kompetenti ta' l-ewwel Stat Membru dwar in-natura ta' l-ispezzjonijiet mwettqa, id-deċiżjoni meħuda u r-raġunijiet għal dawn id-deċiżjonijiet."

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

9. Il-Bürgerliches Gesetzbuch (iktar 'il quddiem il-"BGB", kodiċi ċivili Ġermaniż), fil-verżjoni li kienet fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2001, jinkludi d-dispożizzjonijiet segwenti:

"Artikolu 195

It-terminu ta' preskrizzjoni ordinarju huwa ta' tletin sena."

"Artikolu 839

(1) Kull uffiċjal li, intenzjonalment jew b'negliġenza, jonqos mid-dmirijiet tiegħu fir-rigward ta' terza persuna huwa obbligat jipprovdi kumpens għad-danni kkawżati lil dik it-terza persuna. Jekk l-uffiċjal jinstab responsabbli biss ta' negliġenza, huwa għandu jipprovdi kumpens għad-danni biss jekk il-persuna leża ma tistax tikseb kumpens għad-danni mod ieħor.

(2) Kull uffiċjal li, fl-għoti ta' deċiżjoni f'kawża, jonqos mid-dmirijiet tiegħu mhuwiex responsabbli għad-danni li jirriżultaw ħlief jekk dak il-ksur ikun jikkostitwixxi reat kriminali. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax f'każ ta' rifjut jew dewmien kolpuż minnaħa tal-uffiċjal fit-twettiq tal-funzjoni tiegħu.

(3) M'hemmx obbligu ta' kumpens għad-danni meta l-persuna leża tkun naqset, intenzjonalment jew b'negliġenza, milli tevita li jseħħ id-dannu billi tuża rimedju legali."

"Artikolu 852

(1) Id-dritt ta' kumpens għad-danni li jirriżultaw minn att illeċitu jiġi preskritt wara tliet snin minn meta l-persuna leża tkun saret taf bid-dannu u l-identità tal-persuna responsabbli u, irrispettivament minn meta ssir taf, wara tletin sena minn meta jkun twettaq l-att.

(2) Meta jkunu jinsabu għaddejjin negozjati bejn il-persuna li tkun obbligata tagħti l-kumpens għad-danni u l-persuna li jkollha dritt għal dak il-kumpens dwar l-ammont ta' kumpens, il-preskrizzjoni tkun sospiża sakemm waħda mill-partijiet tirrifjuta li tissokta bin-negozjati.

(3) Jekk il-persuna responsabbli tkun kisbet xi benefiċċju mill-att illeċitu, għas-spejjeż tal-persuna leża, din tal-ewwel għandha obbligu ta' restituzzjoni anki jekk id-dritt għal kumpens ikun ġie preskritt, abbażi tad-dispożizzjonijiet dwar ir-restituzzjoni ta' arrikkament indebitu."

## III — Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10. Ir-rikorrenti, li qed taġixxi għan-nom tal-membri tagħha, titlob mingħand il-konvenuta kumpens għad-danni kkawżati minħabba ksur tad-dritt Komunitarju. Hija tallega li din tal-aħħar, bi ksur tad-dritt Komunitarju, imponiet bejn l-1993 u l-1999 projbizzjoni fuq l-importazzjoni tal-laħam tal-majjal maskili mhux ikkastrat li allegatament ikkawża dannu ta' mill-inqas DM 280 miljun għall-membri tagħha.

11. Fil-bidu tas-snin 90, il-majjali maskili mhux ikkastrati kienu ġew imrobbija fid-Danimarka biex imbagħad jintbagħtu għall-biċċerija. Dan it-tip ta' trobbija tippreżenta r-riskju li, wara li jerġa' jiġi msaħħan, il-laħam jarmi riħa jew togħma qawwija. Biex jintgħaraf u jitwarrab dan il-laħam b'riħa qawwija matul il-proċess tal-qtil, kien jitkejjel il-kontenut ta'

Skatol, li huwa prodott ta' degradazzjoni li jifforma fl-imsaren. Skont il-konvenuta, din ir-riħa intensa madankollu kienet ikkawżata mill-ormon androsteronju, filwaqt li l-analiżi tal-kontenut ta' Skatol ma twassalx għal riżultati affidabbli.

12. Skont l-Artikolu 5(1)(o) tad-Direttiva 64/433 fil-verżjoni kif emendata bid-Direttiva 91/497, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-veterinarju uffiċjali jiddikjara bħala mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem il-laħam li jagħti riħa sesswali ppronunzjata. Skont l-Artikolu 6(1)(b)(iii), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-laħam — mingħajr preġudizzju għall-każijiet previsti fl-Artikolu 5(1)(o) — ta' majjali maskili mhux ikkastrati b'karkassa ta' iktar minn 80 kilogramma ikollhom marka speċjali, ħlief meta l-istabbiliment huwa kapaċi jiggarantixxi, permezz ta' metodu rikonoxxut, li l-karkassi li qegħdin jagħtu riħa sesswali ppronunzjata jistgħu jiġu identifikati.

13. B'ittri tat-18 u tas-26 ta' Jannar 1993, il-konvenuta għarrfet lill-oġħla awtoritajiet veterinarji tal-Istati Membri li l-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 64/433 kien traspost fid-dritt nazzjonali b'mod illi, indipendentement mil-limitu ta' piż, ġie ffissat limitu ta' 0,5 μg/g ta' androsteronju u, f'każ li jinqabeż dak il-limitu, il-laħam jitqies li mhuwiex tajjeb għall-konsum mill-bniedem skont l-Artikolu 5(1)(o) u ma jistax jiġi ttrasportat bħala laħam frisk fil-Ġermanja. Barra minn hekk, skont dawk l-ittri, kull kunsinna ta' laħam tal-majjal bi provenjenza minn Stati Membri oħrajn kienet se tiġi spezzjonata, skont l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 89/622 fil-post ta' destinazzjoni, biex jiġi kkontrollat jekk il-limitu nqabiżx, indipendentement mill-fatt jekk kienx tajjeb għall-konsum. Konsegwentement, għadd kbir ta' kunsinni ta' laħam tal-majjal mid-Danimarka ġew spezzjonati mill-awtoritajiet kompetenti Ġermaniżi u, f'każijiet fejn inqabeż il-limitu ta' androsteronju, ġew irrifjutati u mibgħuta lura lejn id-Danimarka.

14. Fuq rikors ippreżentat mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Novembru 1998, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-102/96, Ġabra p. I-6871) li l-konvenuta kienet kisret id-dispożizzjonijiet tad-direttivi ċċitati iktar 'il fuq.

15. Ir-rikorrenti bbażat it-talba tagħha għaddanni fuq il-fatt li dawk li jrabbu l-majjali u l-kumpanniji tal-biċċeriji Daniżi kienu, minħabba l-ksur tad-dritt Komunitarju mill-konvenuta, naqqsu l-ewwel nett il-produzzjoni ta' majjali maskili mhux ikkastrati u sussegwentement, minn Ottubru 1993 prattikament waqqfu dik il-produzzjoni. Min-naħa l-oħra, bejn l-1993 u l-1999 kienu ġew imrobbija u maqtula kważi 39 miljun majjal ikkastrat għall-bejgħ fil-Ġermanja. Il-bejgħ ta' volum korrispondenti ta' majjali mhux ikkastrati kien jippermetti ffrankar ta' mill-inqas DM 280 miljun.

16. Il-Landgericht iddikjarat li t-talba ta' inġunzjoni tas-6 ta' Diċembru 1999 għall-perijodu li jiddekorri mis-7 ta' Diċembru 1996 kienet fondata iżda ċaħditha peress li kienet preskritta fil-parti relattiva għat-talba għal kumpens għad-danni li seħħew qabel is-6 ta' Diċembru 1996. Il-qorti tal-appell iddikjarat li r-rikors kollu kien fondat. Permezz tal-appell tagħha fuq punti ta' liġi ("Revision") quddiem il-Bundesgerichtshof, il-konvenuta talbet li t-talba tiġi miċħuda għal kollox.

17. Il-Bundesgerichtshof tikkunsidra li din il-kawża tissolleva l-kwistjoni dwar sa liema punt il-produtturi u l-operaturi li jbiegħu l-laħam tal-majjal inkwistjoni jistgħu jibbenefikaw minn drittijiet ibbażati fuq id-dritt primarju, f'każ ta' ksur ta' direttivi ta' armonizzazzjoni. Barra minn hekk, il-qorti tarrinviju ssostni li huwa neċessarju li tiġi kkjarifikata l-kwistjoni dwar l-effett tal-prinċipji Komunitarji fuq it-tfassil iktar preċiż tad-dritt dwar ir-responsabbiltà tal-Istati abbażi tad-dritt Komunitarju li fil-prinċipju jaqa' taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni tat-talba għad-danni u l-konsegwenzi legali ta' ksur eventwali tal-obbligu ta' prevenzjoni ta' dannu permezz ta' rimedji legali ("prijorità tal-protezzjoni tad-dritt primarju").

18. Għaldaqstant, hija ddeċidiet fit-12 ta' Ottubru 2006 li tissospendi l-proċeduri u li tirrinvija lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5(1)(o) u 6(1)(b)(iii) tad-Direttiva 91/497 u tal-Artikoli 5(1), 7 u 8 tad-Direttiva 89/662, meħuda flimkien, ipoġġu lill-produtturi u lill-operaturi li jbiegħu l-laħam tal-majjal, f'każ ta' traspożizzjoni jew applikazzjoni ħażina, f'pożizzjoni ġuridika li tista' tagħti lok għal pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju?

2. Irrispettivament mir-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, il-produtturi tal-laħam tal-majjal u l-operaturi li jbiegħuh jistgħu jinvokaw ksur tal-Artikolu 30 tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 28 KE) biex jissostanzjaw pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju f'każ ta' traspożizzjoni u applikazzjoni tad-direttivi ċċitati iktar 'il fuq bi ksur tad-dritt Komunitarju?

3. Id-dritt Komunitarju jeħtieġ li l-preskrizzjoni ta' pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju tkun interrotta meta jinfetħu proċeduri għal nuqqas ta'

twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 226 KE jew fi kwalunkwe każ li dak it-terminu ta' preskrizzjoni jkun sospiż sat-tmiem ta' dawk il-proċeduri meta ma jkun jeżisti ebda rimedju legali effettiv taħt id-dritt nazzjonali li jippermetti li wieħed iġiegħel lill-Istat Membru jittrasponi Direttiva?

4. It-terminu ta' preskrizzjoni ta' pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju li tkun ibbażata fuq traspożizzjoni ħażina ta' direttiva, pretensjoni li tkun toriġina minn projbizzjoni (*de facto*) fuq l-importazzjoni, jibda jiddekorri, irrispettivament mid-dritt nazzjonali applikabbli, biss mill-mument meta sseħħ it-traspożizzjoni sħiħa ta' dik id-direttiva jew, b'mod konformi mad-dritt nazzjonali, dak it-terminu ta' preskrizzjoni jista' jibda jiddekorri meta l-ewwel konsegwenzi dannużi jkunu seħħew u konsegwenzi dannużi ulterjuri jkunu prevedibbli? Jekk it-traspożizzjoni sħiħa għandha effett fuq il-bidu tal-preskrizzjoni, din hija regola ġenerali jew tapplika biss jekk id-direttiva tagħti dritt lill-individwi?

5. Meta jitqies li, fir-rigward ta' pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju, l-Istati Membri ma jistgħux jistabbilixxu kundizzjonijiet ġuridiċi għall-kumpens għad-danni li jkunu inqas favorevoli minn dawk relattivi għal azzjonijiet analogi li jikkonċernaw biss id-dritt nazzjonali u li ma jistgħux jagħmlu l-għoti ta' kumpens għad-danni prattikament impossibbli jew eċċezzjonalment diffiċli, teżisti oġġezzjoni fil-prinċipju kontra regola nazzjonali li tistipula li l-obbligu li jingħata kumpens għad-danni ma japplikax meta l-persuna leża tonqos, intenzjonalment jew b'negliġenza, milli tipprevjeni li d-dannu jseħħ billi tuża rimedju legali? Għaldaqstant jeżistu wkoll oġġezzjonijiet kontra din il-"prijorità tal-protezzjoni tad-dritt primarju" meta din tkun suġġetta għall-kundizzjoni li għandha tkun raġonevolment aċċessibbli għall-persuna kkonċernata? Huwa suffiċjenti li l-qorti li quddiemha tkun tressqet il-kawża x'aktarx ma tistax issolvi l-kwistjonijiet tad-dritt Komunitarju inkwistjoni fil-kawża mingħajr ma tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej jew li jkunu tressqu proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 226 KE, biex dik il-prijorità tal-protezzjoni ġuridika tad-dritt primarju titqies li mhijiex raġonevolment aċċessibbli fis-sens tad-dritt Komunitarju Ewropew?

## IV — Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. Id-digriet tar-rinviju ġie nnotifikat lill-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Novembru 2006.

20. Ġew ippreżentati noti ta' osservazzjonijiet fit-terminu previst u b'mod konformi mal-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja mir-rikorrenti, mill-Gvernijiet tal-Ġermanja,

tal-Greċja, tal-Polonja, ta' Franza, tar-Repubblika Ċeka u tal-Italja kif ukoll mill-Kummissjoni.

21. Fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2008, ir-rappreżentanti tar-rikorrenti, tal-Gvernijiet tal-Ġermanja, tal-Greċja, tal-Polonja, ta' Franza, tar-Repubblika Ċeka u tal-Italja kif ukoll tal-Kummissjoni dehru sabiex jittrattaw.

23. Biex jiġġustifikaw l-argument tagħhom, il-partijiet imsemmija iktar 'il fuq essenzjalment jargumentaw li effettivament jirriżulta mill-premessi tad-Direttivi 64/433 u 89/662 li l-objettiv tagħhom huwa li jeliminaw l-ostakoli veterinarji għall-kummerċ intra-Komunitarju billi jarmonizzaw ir-rekwiżiti essenzjali relattivi għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika u s-saħħa tal-annimali u billi jitneħħew l-ispezzjonijiet fil-fruntieri interni tal-Komunità. Huma jsostnu li l-għan aħħari tal-Artikoli 5(1)(o) u 6(1)(b) tad-Direttiva 64/433 huwa l-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi u l-armonizzazzjoni tal-ispezzjonijiet f'dan il-qasam. L-Artikoli 5(1), (7) u (8) tad-Direttiva 89/662 jobbligaw lill-Istati Membri, fil-kuntest tal-ispezzjonijiet tas-saħħa biex jirrikonoxxu l-idonjetà għall-konsum tal-prodotti spezzjonati fl-Istat minn fejn jintbagħtu u, f'każ ta' evalwazzjonijiet diverġenti, biex jirrikorru għall-proċedura prevista mid-Direttiva.

## V — Argumenti prinċipali tal-partijiet

### A — *Fuq l-ewwel domanda*

22. Il-Gvernijiet tal-Ġermanja, tal-Greċja, tal-Polonja, ta' Franza u tal-Italja jikkunsidraw li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5(1)(o) u 6(1)(b) tad-Direttiva 64/433 u d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5, 7 u 8 tad-Direttiva 89/662, meħuda flimkien, ma joħoloqu ebda dritt individwali favur il-produtturi u l-operaturi li jbiegħu l-laħam tal-majjal b'mod li skont dan l-argument, l-ewwel waħda mit-tliet kundizzjonijiet għar-responsabbiltà tal-Istati Membri f'każ ta' traspożizzjoni ħażina tad-direttivi inkwistjoni mhijiex sodisfatta.

24. Il-Gvern Ġermaniż isostni li — għall-kuntrarju tad-direttivi inkwistjoni fil-kawżi Francovich u Dillenkofer — id-Direttivi 89/662 u 64/433 ma jidentifikawx grupp ta' persuni li jistgħu jiġu iżolati u li jingħataw drittijiet suġġettivi. Iżda din il-konnessjoni partikolari minħabba l-prossimità oġġettiva ta' ċertu grupp ta' persuni fir-rigward tal-iskop regolatorju ta' direttiva mhijiex suffiċjenti biex wieħed jikkonkludi li d-direttiva tagħtihom drittijiet soġġettivi.

25. Ir-rikorrenti, il-Kummissjoni u l-Gvern Ċek huma tal-fehma li l-produtturi u l-operaturi li jbiegħu l-laħam tal-majjal jibbenefikaw minn dritt individwali ta' protezzjoni kontra miżuri ta' spezzjoni li jmorru lil hinn minn dak li hu previst mid-direttivi. F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti jsostnu li huwa pprojbit għall-Istati Membri li jimponu rekwiżiti għall-bejgħ li jmorru lil hinn minn dawk tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 64/433. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 89/662 jipprojbixxi lill-awtoritajiet nazzjonali milli jirrikorru għall-Artikolu 7 tal-istess direttiva qabel ma tkun twettqet proċedura ta' konċiljazzjoni. B'hekk, l-individwi jingħataw id-dritt li ma jiġux suġġetti għall-miżuri tal-pajjiż ta' destinazzjoni previsti fl-Artikolu 7. Skont ir-rikorrenti, l-Artikolu 5(1)(o) tad-Direttiva 91/497 għandu jiggarantixxi li l-idonjetà għall-konsum bħala regola ġenerali tiġi ddikjarata mill-pajjiż ta' oriġini. Din il-leġiżlazzjoni b'hekk hija intiża biex tipproteġi lill-individwi minn prattiki nazzjonali li jmorru lil hinn minn din id-direttiva.

26. Il-Kummissjoni tirreferi għall-osservazzjonijiet tagħha fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-102/96) [4] fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat il-ksur tad-Direttivi 64/433 u 89/662. Skont il-Kummissjoni, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk id-direttivi għandhom l-iskop li jistabbilixxu sistema ta' spezzjonijiet sanitarji armonizzata bbażata fuq l-ekwivalenza tal-garanziji sanitarji meħtieġa fl-Istati Membri kollha, fis-sens li l-ispezzjonijiet b'hekk isiru fl-Istati Membri minn fejn tintbagħat il-merkanzija. L-imsemmija direttivi b'hekk jagħmlu parti mill-miżuri intiżi biex jinkiseb, b'mod gradwali, is-suq intern. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tgħid ukoll li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza Dillenkofer li l-fatt li direttiva jkollha wkoll l-iskop li jinkiseb is-suq intern ma jeskludix li d-dispożizzjonijiet tagħha jkollhom ukoll l-iskop li jipproteġu drittijiet individwali.

4 — Sentenza tat-3 ta' Frar 1998, (Ġabra p. I-6871).

B — *Fuq it-tieni domanda*

27. Ir-rikorrenti, il-Kummissjoni u l-Gvern Grieg jikkunsidraw li l-produtturi u l-operaturi li jbiegħu l-laħam tal-majjal jistgħu jinvokaw l-Artikolu 28 KE biex jissostanzjaw pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju f'każ ta' traspożizzjoni u applikazzjoni tad-Direttivi 64/443 u 89/662 bi ksur tad-dritt Komunitarju, irrispettivament minn jekk id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttivi jagħtuhomx drittijiet individwali. L-armonizzazzjoni telimina l-possibbiltà għall-Istat Membru li jinvoka motivi ta' ġustifikazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 30 KE iżda ma timpedixxix l-applikazzjoni tal-Artikolu 28 KE. Dik id-dispożizzjoni tista' tiġi implementata mid-dritt sekondarju iżda ma tistax tiġi eskluża minnu. F'każ bħal dak f'din il-kawża, l-iskop ta' protezzjoni tal-Artikolu 28 KE jikkoinċidi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 64/433 u 89/662 inkwistjoni f'din il-kawża. B'hekk, il-ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju jikkostitwixxi wkoll fl-istess ħin ksur tad-dritt primarju.

28. Min-naħa l-oħra, il-Gvernijiet tal-Ġermanja, tar-Repubblika Ċeka, ta' Franza, tal-Polonja u tal-Italja jikkunsidraw li f'każ li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-direttiva ma

jagħtux lill-individwi drittijiet individwali, dawn ma jistgħux jinvokaw ksur tal-Artikolu 28 KE biex jistabbilixxu obbligu ta' kumpens għad-danni min-naħa ta' Stat Membru. Huma jsostnu li jirriżulta missentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fejn ġie kkonstatat ksur tad-direttivi kkonċernati li, skont id-dispożizzjonijiet inkwistjoni, il-miżuri intiżi biex tinstab riħa sesswali ppronunzjata ta' majjali maskili mhux ikkastrati kienet suġġetta għal armonizzazzjoni. Għaldaqstant, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni għandha tiġi eżaminata fid-dawl ta' dawk id-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju u mhux tad-dritt primarju.

*C — Fuq it-tielet domanda*

29. Il-Gvern Ġermaniż isostni li l-evalwazzjoni tal-legalità tal-miżura nazzjonali inkwistjoni tiddependi unikament mid-dritt sekondarju u li l-istess għandu jgħodd għall-kwistjoni jekk il-miżura nazzjonali tagħtix drittijiet individwali. Il-Gvern Ġermaniż jgħid ukoll li għandu jeżisti neċessarjament parallelizmu bejn il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-legalità tal-miżura nazzjonali u dawk dwar l-eżistenza ta' azzjoni għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju. F'dan is-sens, ir-regola miksura u r-regola li toħloq drittijiet suġġettivi għandhom ikunu identiċi.

30. Il-Gvernijiet tal-Ġermanja u tal-Polonja jsostnu li barra minn hekk, japplikaw kriterji għalkollox differenti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' ksur tad-dritt sekondarju u ta' ksur tad-dritt primarju. B'hekk, għalkemm in-nuqqas ta' traspożizzjoni ta' direttiva fih innifsu jikkostitwixxi ksur tagħha, l-istess aġir minn Stat Membru — fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni tad-dritt sekondarju — għandu jiġi eżaminat fid-dawl tal-Artikolu 28 KE u jista' jiġi ġġustifikat abbażi ta' waħda mill-ġustifikazzjonijiet stabbiliti mid-dritt primarju. F'din il-kawża ma teżisti ebda dimensjoni transkonfinali u b'hekk ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 28 KE peress li la dawk li jrabbu l-majjali fid-Danimarka u lanqas il-kumpanniji tal-biċċeriji ma jesportaw direttament il-prodotti tagħhom. Kwalunkwe telf li jista' jkun hemm iseħħ biss indirettament.

31. Il-Gvernijiet kollha li ssottomettew osservazzjonijiet kif ukoll il-Kummissjoni jikkunsidraw li d-dritt Komunitarju ma jistpulax li l-introduzzjoni mill-Kummissjoni ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha l-effett li t-terminu ta' preskrizzjoni biex issir azzjoni għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju huwa interrott jew sospiż matul dawk il-proċeduri.

32. Il-partijiet kollha involuti fil-proċeduri jiġġustifikaw dan fuq il-bażi tal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri. Din tippermetti lil kull Stat Membru jiffissa t-termini ta' preskrizzjoni u jirregola l-kundizzjonijiet għall-interruzzjoni u s-sospensjoni kemm-il darba dawk id-dispożizzjonijiet ma jkunux inqas favorevoli għall-benefiċjarju minn dawk tad-dritt nazzjonali relattivi għal azzjonijiet għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istati u l-implementazzjoni ta' dawk id-drittijiet

taħt id-dritt Komunitarju ma ssirx prattikament impossibbli jew eċċezzjonalment diffiċili. Dan jirriżulta wkoll mis-sentenza tal-10 ta' Lulju 1997, Palmisani (C-261/95, Ġabra p. I-4025, punt 40) dwar it-terminu ta' dekadenza ta' azzjoni għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju. L-argument li t-terminu ta' preskrizzjoni la huwa sospiż u lanqas interrott minn proċeduri dwar nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa kompatibbli wkoll mal-prinċipju ta' effettività. Il-Kummissjoni ssostni li d-dritt Komunitarju jeżiġi li l-preskrizzjoni tkun interrotta jew sospiża biss jekk il-persuna kkonċernata stess tuża rimedju legali minħabba l-obbligu tagħha li tillimita d-dannu.

33. Barra minn hekk, il-Gvernijiet tal-Ġermanja u tal-Polonja jsostnu wkoll li l-ġurisprudenza dwar it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE li jirrigwarda r-responsabbiltà tal-Komunità stabbiliet kundizzjonijiet ferm restrittivi f'dan il-qasam. F'dan ir-rigward, huma jargumentaw li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-preskrizzjoni għandha tiġi interrotta mid-detentur tad-dritt innifsu (sentenza tas-16 ta' April 1997, Hartmann vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni [T-20/94, Ġabra p. II-595, punti 117 *et seq.*]). Barra minn hekk, il-proċeduri għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huma strument ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' interess pubbliku li ma għandhomx bħala objettiv prinċipali l-protezzjoni tad-drittijiet individwali. B'hekk, huwa fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni waħedha biex tiddeċiedi jekk għandhomx jinfetħu proċeduri għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, u min jilmenta ma jistax iġiegħlha tippreżenta rikors. F'dan ir-rigward, il-Gvern Grieg saħaq li l-preżentata ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mhija suġġetta għal ebda terminu.

34. Il-Gvernijiet kollha li fformulaw osservazzjonijiet kif ukoll il-Kummissjoni jaqblu li n-nuqqas ta' rimedju legali nazzjonali li jippermetti lill-individwu jġiegħel lill-Istat Membru inkwistjoni jittrasponi direttiva huwa irrilevanti għall-finijiet tal-modalitajiet biex titressaq kawża għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat u b'mod partikolari l-preskrizzjoni tagħha.

35. Ir-rikorrenti tixtieq, qabel ma tikkummenta dwar it-tielet domanda, teżamina jekk id-dritt Komunitarju jipprojbixxix l-applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 852 tal-BGB fil-verżjoni qadima tiegħu, kif issostni l-qorti tar-rinviju. L-Artikolu 852 tal-BGB, fil-verżjoni qadima tiegħu, jipprovdi għal terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin, għall-kuntrarju ta' dispożizzjonijiet oħrajn li jipprovdu għal termini itwal. Mhuwiex ċar taħt id-dritt Ġermaniż liema regola ta' preskrizzjoni tad-dritt nazzjonali tapplika għal kawżi għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju. F'dan il-qasam ma teżisti ebda leġiżlazzjoni u lanqas ġurisprudenza tal-qrati superjuri. Fl-istess ħin, fid-duttrina jeżistu diverġenzi fl-opinjonijiet dwar din il-kwistjoni. L-applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 852 tal-BGB fil-verżjoni qadima tiegħu, li fil-fatt jirrigwarda r-responsabbiltà personali tal-uffiċjali, tikkostitwixxi f'dan il-każ ksur tal-prinċipji ta' ċertezza u ċarezza legali kif ukoll tal-prinċipju ta' effettività. Biex jissodisfa l-funzjoni tiegħu li jassigura ċ-ċertezza legali, terminu ta' preskrizzjoni għandu jkun iffissat bil-quddiem (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 2002, Marks & Spencer [C-62/00, Ġabra p. I-6325, punt 39]). Barra minn hekk, ikun hemm ukoll ksur tal-prinċipju ta' ekwivalenza peress li rikorrent li jressaq rikors għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt nazzjonali, ikun jaf x'inhu t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli għar-rikors tiegħu,

waqt li min-naħa l-oħra, persuna li tipproċedi kontra l-Istat Ġermaniż abbażi tad-dritt Komunitarju tista' biss tispekula dwar liema regoli ta' preskrizzjoni jistgħu japplikaw b'analoġija.

36. Barra minn hekk, ir-rikorrenti targumenta li d-dritt Komunitarju jipprojbixxi l-applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 852 tal-BGB fil-verżjoni qadima tiegħu, ukoll għaliex qabel l-1997, hija ma setgħetx tkun taf l-identità tad-debitur tad-danni, għall-kuntrarju tal-opinjoni tal-qorti tar-rinviju. Qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Ġunju 1999, Konle (C-302/97, Ġabra p. I-3099), ir-rikorrenti ma setgħetx tkun taf jekk hija kellhiex tipproċedi kontra l-Istat Membru nnifsu jew kontra l-Länder li l-korpi tagħha kienu wkoll kisru d-dritt Komunitarju fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-liġi.

37. Il-Kummissjoni tikkunsidra li saħansitra qabel it-tielet u r-raba' domandi, il-qorti tar-rinviju tissolleva impliċitament il-kwistjoni dwar jekk id-dritt Komunitarju jipprojbixxix l-applikazzjoni b'analoġija tar-regoli ta' preskrizzjoni tal-Artikolu 852 tal-BGB fil-verżjoni qadima tiegħu, applikabbli għall-azzjonijiet għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-uffiċjali taħt id-dritt nazzjonali. Skont il-Kummissjoni, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jeżaminaw b'mod partikolari fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività jekk il-persuni kkonċernati mill-ksur tad-dritt Komunitarju humiex f'pożizzjoni li jkunu jafu b'mod suffiċjenti u li jiddefendu d-drittijiet li jirriżultaw mir-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju. Eżami globali tal-liġi nazzjonali u tal-fatti partikolari tal-kawża prinċipali biss jista' jippermetti lill-qorti tar-rinviju tikkonstata jekk, wara applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 852(1) tal-BGB fil-verżjoni qadima tiegħu, ir-rikorrenti kinitx impedita milli tkun taf b'mod suffiċjenti d-drittijiet tagħha u li tinfurzahom quddiem il-qrati nazzjonali.

38. Fir-rigward tat-tielet domanda, ir-rikorrenti ssostni li l-proċeduri għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 226 KE jikkostitwixxu rimedju legali fis-sens tal-liġi Ġermaniża u li, f'dan ir-rigward, hemm lok li tiġi adottata interpretazzjoni ferm wiesgħa ta' dan il-kunċett. Rimedji legali nazzjonali paragunabbli li ma kinux disponibbli minħabba ċirkustanzi partikolari tal-aġir dannuż jinterrompu wkoll il-preskrizzjoni. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ssostni li l-prinċipju ta' ekwivalenza jeħtieġ li l-proċeduri għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u l-ilment tar-rikorrenti quddiem il-Kummissjoni jkollhom l-istess effetti bħal rimedju taħt id-dritt Ġermaniż f'sitwazzjoni paragunabbli.

D — *Fuq ir-raba' domanda*

39. L-osservazzjonijiet kollha li ġew ippreżentati, ħlief għal dawk tar-rikorrenti essenzjalment jaqblu li d-dritt Komunitarju ma jeħtieġx li t-terminu ta' preskrizzjoni previst fid-dritt nazzjonali jibda jiddekorri biss mid-data tat-traspożizzjoni kompleta tad-Direttiva inkwistjoni. B'hekk, it-terminu ta' preskriz-

zjoni jista' jibda jiddekorri mill-mument meta l-ewwel konsegwenzi dannużi jkunu seħħew u meta l-konsegwenzi dannużi ulterjuri jkunu prevedibbli, anki jekk dik id-data tkun qabel it-traspożizzjoni sħiħa tal-imsemmija Direttiva.

40. F'dan il-kuntest, u skont dawn l-istess osservazzjonijiet, bħala regola huwa d-dritt nazzjonali li għandu jiddetermina l-punt tat-tluq tal-preskrizzjoni tal-azzjonijiet għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju, u f'dan ir-rigward, għandhom jiġu rrispettati l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. Fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, dawn il-Gvernijiet josservaw li, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' kawżi għal ħlas lura ta' taxxi mħallsin indebitament, mhuwiex kontra l-prinċipju tal-effettività li l-Istati Membri jimponu terminu ta' dekadenza li diġà jkun skada qabel id-data meta l-Istat Membru kkonċernat ikun stabbilixxa mill-ġdid sitwazzjoni konformi mad-dritt Komunitarju (sentenza tas-17 ta' Novembru 1998, Aprile, C-228/96, Ġabra p. I-7141, punt 45). Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 1991, Emmott (C-208/90, Ġabra p. I-4269, punt 23) ma twassalx għal konklużjoni differenti. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li sal-mument tat-traspożizzjoni korretta tad-Direttiva, l-Istat Membru inadempjenti ma jistax jeċċepixxi l-preskrizzjoni li tkun teżisti taħt il-dritt nazzjonali. Fis-sentenza tagħha Aprile, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li s-soluzzjoni stabbilita fis-sentenza Emmott kienet iġġustifikata miċ-ċirkustanzi eċċezzjonali ta' dik il-kawża.

41. Matul is-seduta, ir-Renju Unit sostna essenzjalment li l-preskrizzjoni ta' azzjoni għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà abbażi tad-dritt Komunitarju għandha tkun allinjata mad-dritt nazzjonali u li f'dan ir-rigward, preskrizzjoni ta' tliet snin bħal dik prevista fid-dritt Ġermaniż ma tmurx kontra l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. Dan l-aħħar prinċipju lanqas mhu oppost mill-fatt li regola ta' preskrizzjoni tad-dritt nazzjonali tapplika b'analoġija għall-azzjoni dwar responsabbiltà taħt id-dritt Komunitarju. Barra minn hekk, id-dritt Komunitarju ma jeżiġix li t-terminu ta' preskrizzjoni previst fid-dritt nazzjonali jibda jiddekorri biss fil-mument tat-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva inkwistjoni.

42. Ir-rikorrenti targumenta fl-ewwel lok li, għall-kuntrarju tal-argument tal-qorti tar-rinviju, l-aġir dannuż tal-awtoritajiet Ġermaniżi jista' jiġi kkwalifikat biss bħala att kontinwu, li għandu l-konsegwenza li t-terminu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri biss meta dak l-att jintemm u/jew min-nuqqas ta' atti dannużi oħrajn. Effettivament, dan jirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi (C-295/04 sa 298/04, Ġabra p. I-6619, punti 77 *et seq*). F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li regola nazzjonali li teħtieġ li t-terminu ta' preskrizzjoni biex jiġi ppreżentat rikors għal kumpens għad-danni jibda jiddekorri biss meta l-akkordju jew il-prattika miftiehma tkun ġiet implementata għall-ewwel darba tista' twassal biex ikun prattikament impossibbli biex wieħed jeżerċita d-dritt li jitlob il-kumpens għad-danni. Effettivament, f'sitwazzjoni bħal dik, ikun possibbli li t-terminu ta' preskrizzjoni jiskadi qabel ma jkun intemm il-ksur, b'mod li l-persuna leża ma tkunx tista' tressaq rikors iktar.

43. Barra minn hekk, skont ir-rikorrenti, il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza Emmott iċċitata iktar 'il fuq jistgħu jiġu trasposti wkoll fuq bażi eċċezzjonali għal din il-kawża, inkwantu hawnhekk ukoll jeżistu ċirkustanzi partikolari. Din il-partikolarità tinsab fl-inċertezza legali dovuta għall-kumplessità tal-abbinament tad-dispożizzjonijiet differenti inkwistjoni. Partikolarità oħra tinsab fil-fatt li l-awtoritajiet Ġermaniżi ma bdewx il-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 89/662, li wkoll ħolqot inċertezza legali. Din hija r-raġuni għalfejn l-operaturi ekonomiċi kkonċernati prattikament m'għandhom ebda possibbiltà li jeżerċitaw direttament id-drittijiet derivati mid-direttivi kontra l-awtoritajiet Ġermaniżi.

44. Finalment, ir-rikorrenti targumenta fuq bażi sussidjarja li jekk l-att dannuż inkwistjoni ma jitqiesx bħala att kontinwu, għall-inqas l-Artikolu 852 tal-BGB, fil-verżjoni qadima tiegħu, għandu jiġi interpretat b'mod konformi mad-dritt Komunitarju, fis-sens li l-kumpens għad-danni ikun eskluż biss għall-perijodu li jmur lura iktar minn tliet snin qabel il-preżentata tar-rikors.

E — *Fuq il-ħames domanda*

45. Il-Gvern Taljan jikkunsidra li meta jitqiesu l-osservazzjonijiet li huwa fformula fir-rigward tat-tielet u r-raba' domandi, mhuwiex neċessarju li tiġi eżaminata l-ħames domanda.

46. Il-Gvernijiet l-oħrajn kollha li intervjenew fil-proċeduri u li ssottomettew osservazzjonijiet essenzjalment huma tal-fehma li d-dritt Komunitarju ma jipprojbixxix l-applikazzjoni ta' regola nazzjonali bħal dik prevista fl-Artikolu 839(3) tal-BGB, li jistipula li l-obbligu ta' kumpens għad-danni ma japplikax meta l-persuna leża tkun naqset intenzjonalment, jew b'negliġenza, li tipprevjeni li d-dannu jseħħ billi tuża rimedju legali. Huma jirreferu għas-sentenza Brasserie du Pêcheur, iċċitata iktar 'il fuq, li, fil-punt 102, tat il-possibbiltà lill-qorti nazzjonali li tivverifika jekk il-persuna leża ġabitx prova ta' diliġenza raġonevoli biex tillimita d-dannu u jekk, b'mod partikolari, hija użatx fil-ħin ir-rimedji legali kollha li kellha għad-dispożizzjoni tagħha.

47. Barra minn hekk, skont dawn l-istess Gvernijiet, l-applikazzjoni tal-Artikolu 839(3) tal-BGB ma tmurx kontra l-prinċipju ta' effettività ħlief jekk, kif jirrileva wkoll il-Gvern Ċek, l-imsemmija dispożizzjoni tkun applikata b'mod irraġonevoli billi teżiġi pereżempju li r-rimedji legali kollha disponibbli — kemm jekk ikunu utli jew le fir-rigward taċ-ċirkustanzi tal-kawża — jiġu dejjem eżerċitati. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk jistax ikun raġonevolment meħtieġ li l-persuna leża teżerċita d-drittijiet li jirriżultaw mid-direttiva li tkun ġiet trasposta b'mod skorrett.

48. Il-Gvern Ġermaniż jisħaq li l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-supremazija tal-protezzjoni tad-dritt primarju ma jostakolax il-prinċipju tal-effettività ta' dan l-istess dritt peress li kawża għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju mhijiex eskluża b'mod ġenerali, iżda biss fil-każ fejn ir-rikorrent jonqos, bi ksur tal-obbligu tiegħu li jillimita d-dannu, li jirrikorri għall-protezzjoni tad-dritt primarju. Il-Gvern Ġermaniż huwa wkoll tal-fehma li l-obbligu li wieħed jirrikorri għal rimedju legali mhuwiex ta' natura irraġonevoli meta jkun probabbli li l-qorti nazzjonali tkun ser tagħmel domanda preliminari abbażi tal-Artikolu 234 KE jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha quddiemha proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 226 KE.

49. Il-Gvernijiet tar-Repubblika Ċeka, tal-Polonja u ta' Franza jsostnu li l-fatt li l-qorti li quddiemha tkun tinsab il-kawża aktarx li ma tkunx setgħet issolvi l-kwistjonijiet tad-dritt Komunitarju li jkunu ġew issollevati mingħajr ma titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tagħti deċiżjoni preliminari jew li jkunu ġew imressqa proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja m'għandu ebda effett fuq ir-raġonevolezza li wieħed jirrikorri għall-protezzjoni tad-dritt primarju.

50. Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li r-risposta li għandha tingħata għall-ħames domanda hi li d-dritt Komunitarju jipprojbixxi l-applikazzjoni ta' regola nazzjonali bħal dik tal-Artikolu 839(3) tal-BGB inkwantu din tikkostitwixxi kundizzjoni supplimentari għall-azzjoni għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat Membru abbażi tad-dritt Komunitarju. Madankollu, biex jiġi ddeterminat id-dannu li għandu jiġi riżarċit, il-qorti nazzjonali għandha dejjem il-possibbiltà li tivverifika jekk il-persuna leża tkunx aġixxietx b'diliġenza raġonevoli sabiex tevita d-dannu.

51. Min-naħa tagħha, ir-rikorrenti tosserva fl-ewwel lok li l-Artikolu 839(3) tal-BGB japplika biss għall-uffiċjali tal-Istat li jkunu responsabbli għan-nuqqas u mhux għall-Istat li jassumi r-responsabbiltà għall-uffiċjal tiegħu. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-istess artikolu, peress li l-persuna kkonċernata ma setgħetx tistrieħ fuq proċeduri paralleli mressqa minn persuni leżi oħra, konkretament kien meħtieġ li kull wieħed mill-operaturi Daniżi leżi (iktar minn 15 000 b'kollox) jippreżenta rikors f'kull Länder u kontra kull awtorità pubblika li d-dipartimenti tagħha kienu responsabbli għan-nuqqas, li jfisser li peress li kien hemm iktar minn 50 awtorità differenti involuta, kellhom jinfetħu 750 000 kawża, ħaġa li ddgħajjef l-effettività tad-dritt Komunitarju. Hija tirrikonoxxi fl-aħħar lok id-dmir tal-persuna leża li timmitiga d-dannu, dmir li madankollu ma jistax jasal sa tali punt li l-persuna leża tkun obbligata li teżerċita kull rimedju legali immaġinabbli biex ma titlifx id-drittijiet mogħtija lilha mid-dritt Komunitarju.

## VI — Analiżi

### A — *Rimarki introduttorji*

52. L-eżistenza u l-iżvilupp tal-kunċett ġuridiku tar-responsabbiltà tal-Istat taħt id-dritt Komunitarju huma dovuti għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fis-sentenza importanti tad-19 ta' Novembru 1991 mogħtija fil-kawża Francovich *et* [5], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li abbażi ta' prinċipju tad-dritt Komunitarju li jagħti drittijiet, Stat Membru huwa obbligat jagħti kumpens liċ-ċittadini għad-danni li jirriżultaw minn ksur, min-naħa tal-Istat, tad-dritt Komunitarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet minn dan li Stat Membru huwa obbligat jagħti kumpens għad-danni li jsofru l-individwi minħabba n-nuqqas ta' traspożizzjoni ta' direttiva fit-termini previsti [6].

53. Il-portata ta' din is-sentenza tidher b'mod ċar jekk wieħed josserva l-iżvilupp tad-dritt dwar ir-responsabbiltà abbażi tad-dritt Komunitarju wara l-iżviluppi ġurisprudenzjali bbażati fuq il-prinċipji ta' effettività tad-dritt Komunitarju, tal-obbligu ta' lealtà tal-Istati Membri skont l-Artikolu 10 KE kif ukoll b'mod partikolari tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità [7]. S'issa għad m'hemmx leġiżlazzjoni espliċita taħt id-dritt Komunitarju dwar ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, għall-kuntrarju tal-kunċett ġuridiku tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità li huwa bbażat fuq il-paragrafu 2 tal-Artikolu 288 KE [8], iżda preżentament mhuwiex ikkontestat li r-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt Komunitarju u li jkunu imputabbli lill-Istat hija inerenti fis-sistema tat-Trattat u hija bbażata direttament fuq id-dritt Komunitarju [9].

5 — Sentenza Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, Ġabra p. I-5357, punt 37). Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet f'kawżi preċedenti li l-Istati Membri bħala regola huma obbligati jassumu, fir-rigward tal-persuna leża, il-konsegwenzi tad-danni kkawżati minħabba ksur tad-dritt Komunitarju, fil-qafas tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar ir-responsabbiltà tal-Istat (sentenza tat-22 ta' Jannar 1976, Russo, 60/75, Ġabra p. 45, punti 7 sa 9). M. Wathelet / S. Van Raepenbusch, "la responsabilité des États membres en cas de violation du droit communautaire. Vers un alignement de la responsabilité de l'État sur celle de la Communauté ou l'inverse?", Cahiers de droit européen, Nru 1 u 2 (1997), p. 15, jikkunsidraw li l-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat fid-dritt Komunitarju oriġina ferm qabel is-sentenza Francovich. Huma jirreferu fl-ewwel lok għas-sentenza tal-15 ta' Lulju 1964, Costa vs E.N.E.L. (6/64, Ġabra p. 1253), fejn is-supremazija tad-dritt Komunitarju ġiet rikonoxxuta fil-konfront tad-dritt intern, kif ukoll, b'relazzjoni mal-kwistjoni tal-obbligu ta' kumpens għad-danni tal-Istati Membri għall-ksur tad-dritt Komunitarju, għas-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1960, Humblet (6/60, Ġabra p. 1165) fejn ġie rikonoxxut għall-ewwel darba fil-kuntest tat-Trattat KEFA l-obbligu tal-Istati Membri li jeliminaw il-konsegwenzi ta' miżuri illegali.

6 — Sentenza Francovich *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 46).

7 — Il-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju huwa ġuridikament ibbażat fuq motivi differenti. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tibbaża ruħha fuq il-prinċipju tal-effettività tad-dritt Komunitarju u fl-istess ħin fuq il-ħtieġa ta' protezzjoni effikaċi tad-drittijiet li d-dritt Komunitarju jagħti lill-operaturi ekonomiċi jew li jrid jiżviluppa favurihom. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għall-obbligu tal-Istati Membri bbażat fuq l-Artikolu 10 KE li jeliminaw il-konsegwenzi ta' aġir li jmur kontra d-dritt Komunitarju u barra minn hekk tirreferi reċentement għal prinċipju ġenerali inerenti fis-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri skont liema l-aġir illegali tal-awtoritajiet pubbliċi joħolqu l-obbligu li jiġi riżarċit id-dannu riżultanti (ara fuq dan is-suġġett M. Gellermann, EUV/EGV [Rudolf Streinz editur], Munich 2003, Volum 57, Artikolu 288, punt 38; B. Wegener, / M. Ruffert, Kommentar zu EUV/EGV [Calliess/Ruffert edituri], it-tielet edizzjoni, 2007, Artikolu 288, punt 36; Hidien, J., Die gemeinschatsrechtliche Staatshaftung der EU-Mitgliedstaaten, Baden-Baden 1999, p. 12 *et seq*). K. Lenaerts, / D. Arts, / I. Maselis, Procedural law of the European Union, it-tieni edizzjoni, Londra 2006, punt 3-041, p. 109, jikkunsidraw li l-ġurisprudenza fil-qasam tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità tikkostitwixxi bażi importanti għall-iżvilupp tal-kunċett ġuridiku tar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju.

8 — Dwar il-kunċett ġuridiku tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE, ara l-konklużjonijiet tiegħi tat-28 ta' Marzu 2007, Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni (C-331/05 P, Ġabra 2007, p. I-5475, punti 72 *et sequitur*).

9 — Ara s-sentenzi Francovich *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 35); tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du Pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, Ġabra p. I-1029, punt 31); tas-26 ta' Marzu 1996, British Telecommunications (C-392/93, Ġabra p. I-1631, punt 38); tat-23 ta' Mejju 1996, Hedley Lomas (C-5/94, Ġabra p. I-2253, punt 24); tat-8 ta' Ottubru 1996, Dillenkofer *et* (C-178/94, C-179/94, C-188/94 sa C-190/94, Ġabra p. I-4845, punt 20); tat-2 ta' April 1998, Norbrook Laboratories (C-127/95, Ġabra p. I-1531, punt 106) u tal-4 ta' Lulju 2000, Haim (C-424/97, Ġabra p. I-5123, punt 26).

54. Id-dritt Komunitarju jirrikonoxxi dritt għal kumpens għad-danni jekk ikunu sodisfatti tliet kundizzjonijiet: ir-regola legali miksura għandu jkollha bħala għan li tagħti drittijiet lill-individwi, il-ksur għandu jkun suffiċjentement serju, u għandha tkun teżisti rabta kawżali diretta bejn il-ksur tal-obbligu impost fuq l-Istat u d-dannu subit mill-persuni leżi [10]. Fis-sentenza Dillenkofer *et* [11], il-Qorti tal-Ġustizzja fformulat l-ewwel kundizzjoni b'mod kemmxejn differenti b'mod partikolari fir-rigward ta' sitwazzjonijiet fejn il-miżuri ta' traspożizzjoni kienu neqsin — jiġifieri li l-għan tad-Direttiva jinkludi r-rikonoxximent ta' drittijiet favur l-individwi, li l-kontenut tagħhom jista' jiġi ddeterminat fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva — iżda hija enfasizzat fl-istess ħin li l-formulazzjonijiet kienu essenzjalment identiċi [12].

55. Fir-rigward tat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-qrati Komunitarju u dawk tal-Istati Membri, għandu jiġi osservat li bħala regola huma l-qrati nazzjonali li għandhom jikkonstataw jekk il-kundizzjonijiet għar-responsabbiltà tal-Istati Membri minħabba ksur tad-dritt Komunitarju humiex sodisfatti fil-kawża inkwistjoni [13]. Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni dwar l-eżistenza u l-portata tar-responsabbiltà ta' Stat għal dannu li jirriżulta minn tali ksur tinvolvi l-interpretazzjoni tat-Trattat li, bħala tali, taqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [14].

B — *Fuq l-ewwel domanda*

1. Il-metodi ta' interpretazzjoni applikabbli

56. L-ewwel domanda li saret mill-qorti tarrinviju hija intiża biex jiġi kkonstatat jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5(1)(o) u 6(1)(b)(iii) tad-Direttiva 64/433 fil-verżjoni kif emendata bid-Direttiva 91/497 u l-Artikoli 5(1), 7 u 8 tad-Direttiva 89/662, meħuda flimkien, jagħtux lill-produtturi u lill-operaturi li jbiegħu l-laħam tal-majjal drittijiet suġġettivi fis-sens tal-ewwel kundizzjoni għar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju.

57. Din il-kundizzjoni minima li permezz tagħha timmanifesta ruħha l-funzjoni protettiva tal-individwi tad-dritt għal kumpens

10 — L. Goffin, "À propos des principes réagissant la responsabilité non contractuelle des États membres en cas de violation du droit communautaire", cahiers de droit européen, Nru 5 u 6 (1997), p. 537 *et sequitur*; K. Lenaerts / D. Arts, / I. Maselis,, *op.cit.* (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 7), punt 3-042, p. 109; R. Knez,, "Varstvo pravic posameznika, ki jih vsebuje pravo skupnosti", Revizor, Nru 4/5 (2003), l-erbatax-il sena, p. 105; F. Ossenbülh,, Staatshaftungsrecht, il-ħames edizzjoni, Munich 1998, p. 505 u E. Guichot,, La responsabilidad extracontractual de los poderes públicos según el Derecho Comunitario, Valenzja 2007, p. 473 *et sequitur*, jelenkaw tliet kundizzjonijiet: 1) ir-regola legali miksura għandha tagħti drittijiet lill-individwi, 2) il-ksur ikun suffiċjentement serju, 3) tkun teżisti rabta ta' kawżalità bejn il-ksur u d-dannu subit. Ara b'mod partikolari s-sentenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9 Brasserie du Pêcheur u Factortame (punt 51); Hedley Lomas (punt 25); Haim (punt 36) kif ukoll tal-4 ta' Diċembru 2003, Evans (C-63/01, Ġabra p. I-14447, punt 83), u tal-25 ta' Jannar 2007, Robins *et* (C-278/05, Ġabra p. I-1053, punt 69).

11 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 23.

12 — Ara wkoll f'dan is-sens il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs tas-26 ta' Settembru 2000, Lindöpark (C-150/99, Ġabra 2001, p. I-493, punt 51).

13 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, Brasserie du Pêcheur u Factortame (punt 22) u British Telecommunications (punt 41) kif ukoll is-sentenza tat-18 ta' Jannar 2001, Lindöpark (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 38).

14 — Sentenza Brasserie du Pêcheur u Factortame (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 25).

minħabba r-responsabbiltà tal-Istat hija sodisfatta jekk ir-regola Komunitarja inkwistjoni jkollha l-iskop li tagħti dritt lil grupp ta' benefiċjarji ddefinit b'mod suffiċjenti li l-kontenut tiegħu jkun jista' jiġi ddefinit mir-regola miksura [15].

58. Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 249(3) KE, id-destinatarji ta' Direttiva huma fl-ewwel lok l-Istati Membri inkwantu l-obbligu ta' traspożizzjoni jaqa' fuqhom. Madankollu, id-direttivi jistgħu jkunu ta' natura protettiva fir-rigward ta' terzi inkwantu dawn jobbligaw espressament lill-Istati Membri biex jiggarantixxu drittijiet individwali [16]. Biex jiġi evalwat jekk dispożizzjoni taddritt Komunitarju għandhiex l-objettiv, f'dan is-sens, li tagħti drittijiet suġġettivi, għandu jintuża metodu ta' interpretazzjoni u f'dan ir-rigward, għandhom jintużaw il-metodi rikonoxxuti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [17]. F'dan l-isfond, il-fatturi determinanti huma l-kliem użat fid-dispożizzjonijiet inkwistjoni u l-għan tagħhom, kif ukoll il-premessi tad-direttivi kkonċernati [18].

## 2. Id-drittijiet individwali fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

59. Fl-ewwel lok, nixtieq nosserva li ma naqbilx mal-pożizzjoni tar-rikorrenti, tal-Gvern Ċek u tal-Kummissjoni li jargumentaw li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni jistgħu jagħtu drittijiet individwali lill-produtturi u lill-operaturi li jbiegħu l-laħam tal-majjal. Jiena tal-fehma li din il-konklużjoni tirriżulta

15 — Sentenzi Francovich *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 46) u Dillenkofer *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 46). Skont W. Berg Eu-Kommentar (Jürgen Schwarze editur), Baden-Baden 2000, Artikolu 288, punti 79 u 80, p. 2304, huwa biżżejjed li r-regola inkwistjoni, jiġifieri dispożizzjoni ta' direttiva, jkollha l-għan li tagħti tali dritt lil grupp partikolari ta' persuni. Jekk ikun jidher li regola għandha l-għan li tagħti dritt, allura jkun hemm lok li jiġi eżaminat jekk il-kontenut tad-dritt inkwistjoni jistax jiġi stabbilit mir-regola inkwistjoni nfisha. Huwa neċessarju li permezz tal-interpretazzjoni, ikun jista' jirriżulta kontenut minimu fis-sens ta' dritt minimu mir-regola nfisha.

16 — Ara J. Hidien (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7), p. 48 li jinefasizza li mid-definizzjoni tagħha stess, direttiva hija indirizzata esklużivament lill-Istati Membri fis-sens li hija tiffissa objettivi jew timponi "obbligu li jinkiseb riżultat". Fis-sentenza Francovich, id-dritt inkwistjoni ta' kumpens f'każ ta' falliment kellu jingħata lill-ħaddiema biss millmument tat-traspożizzjoni u l-adozzjoni ta' regoli nazzjonali korrispondenti. Iżda xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-individwi kellhom dritt għal kumpens għaddanni.

17 — Fir-rigward tal-metodi ta' interpretazzjoni rikonoxxuti mill-ġurisprudenza, ara b'mod ġenerali s-sentenzi tad-19 ta' Marzu 1998, Compassion inWorld Farming (C-1/96, Ġabra p. I-1251, punt 49), u tat-12 ta' Novembru 1998, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-102/96, Ġabra p. I-6871, punt 24). Jirriżulta minn dawn is-sentenzi li hemm lok, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju, li jiġu kkunsidrati mhux biss it-termini tagħhom iżda wkoll il-kuntest tagħhom u l-objettivi segwiti mil-leġiżlazzjoni li minnha jkunu jiffurmaw parti.

18 — Skont M. Ruffert, f'Calliess/Ruffert *op.cit.* (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7), artikolu 288, punt 54, p. 2358, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dik il-kundizzjoni tipprovdi ftit elementi ta' evalwazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina minn naħa waħda t-test u min-naħa l-oħra l-għan tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva fid-dawl tal-objettiv tagħhom ta' protezzjoni waqt li tibbaża ruħha b'mod partikolari fuq il-premessi (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7 Dillenkofer, punti 30 *et seq* u Norbrook Laboratories, punt 108). Min-naħa tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza rreferiet għal prinċipju ġenerali tad-dritt (projbizzjoni tad-diskriminazzjoni) (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Marzu 2003, Banan-Kompaniet vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-57/00, Ġabra p. II-607, punt 64). L-awtur jikkunsidra li l-kriterji li għandhom jiġu rrispettati f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni tad-drittijiet individwali fil-kuntest tat-traspożizzjoni ta' direttivi u l-kwistjoni tal-effett diretta tad-direttivi jistgħu jiġu trasposti għal din il-problema. Minn dan jirriżulta li jeżisti dritt suġġettiv meta dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju, skont l-għan oġġettiv tagħha, tipproteġi l-interessi ta' individwi li jistgħu jiġu identifikati b'mod effettiv.

minn viżjoni globali li tħaddan kemm il-ġurisprudenza attwali tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-responsabbiltà tal-Istat kif ukoll id-dispożizzjonijiet Komunitarji inkwistjoni. Qabel ma neżamina dawn tal-aħħar b'mod iktar preċiż, nixtieq madankollu nfakkar f'ċerti kawżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' dritt individwali u b'hekk niċċara d-differenza li teżisti bejnhom u din il-kawża.

60. Fl-ewwel lok għandha ssir referenza għas-sentenza Francovich [19] fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 80/987/KEE [20] kienu preċiżi u inkundizzjonati biżżejjed kemm fir-rigward tad-determinazzjoni tal-benefiċjarji kif ukoll għal dak li jirrigwarda d-dritt rikonoxxut favur il-ħaddiema għal garanzija ta' kumpens għall-krediti dovuti lilhom li ma jiġux onorati f'każ ta' insolvenza ta' min iħaddem, u minn dan hija ddeduċiet l-eżistenza ta' dritt suġġettiv.

61. Barra minn hekk, fis-sentenza Dillenkofer *et* [21] il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' drittijiet individwali fid-Direttiva 90/314/KEE [22] peress li din "għandha l-objettiv li tagħti lill-vjaġġaturi ta' vaganzi kollox kompriż drittijiet li jiggarantixxu r-rimbors tal-flus li huma jkunu ħallsu u r-ripatrijazzjoni tagħhom f'każ ta' insolvenza jew falliment tal-organizzatur".

62. Fis-sentenza Norbrook Laboratories [23], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 81/851/KEE [24], billi tistabbilixxi li t-talba għal awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ma tistax tiġi rrifjutata ħlief għar-raġunijiet elenkati fid-Direttiva 81/851, tagħti lok, għall-individwi, għad-dritt li jiksbu awtorizzazzjoni jekk ċerti kundizzjonijiet ikunu sodisfatti. Dawn huma stabbiliti b'mod preċiż u eżawrjenti fid-Direttivi 81/851 u 81/852. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet minn dan li l-kontenut ta' dritt mogħti lil min jitlob awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jista' jiġi identifikat b'mod suffiċjenti fuq il-bażi ta' dawk id-direttivi.

63. Finalment, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza Lindöpark [25] li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(1) u (2) tas-Sitt Direttiva, moqrija flimkien ma' dawk tal-Artikoli 2, 6(1) u 13, B(b) tagħha huma ċari, preċiżi u inkundizzjonati biżżejjed biex individwu jkun jista' jaġixxi kontra Stat Membru quddiem qorti nazzjonali.

19 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 26.

20 — Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE tal-20 ta' Ottubru 1980 dwar it-taqrib tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-impjegati f'każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU L 283, p. 23).

21 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, paġna 23 [traduzzjoni mhux uffiċjali].

22 — Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż (ĠU L 158, p. 59).

23 — Sentenza iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 108.

24 — Direttiva tal-Kunsill 81/851/KEE tat-28 ta' Settembru 1981, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-prodotti mediċinali veterinarji [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 317, p. 1)

25 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 33.

64. Id-direttivi li l-Qorti tal-Ġustizzja interpretat fil-kuntest ta' dawn il-kawżi huma kkaratterizzati mill-fatt li dawn jagħtu jew drittijiet ta' natura ċivili lill-ħaddiema jew lill-konsumaturi fil-forma ta' dritt għal kumpens, jew drittijiet ta' natura pubblika liċ-ċittadini kontra l-amministrazzjoni li s-suġġett tagħhom ikun il-kisba ta' benefiċċju ddefinit b'mod ċar mid-direttivi. F'dan ir-rigward, kif il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat korrettament, kemm il-benefiċjarji ta' dawn id-drittijiet kif ukoll il-kontenut tagħhom jistgħu jiġu ddefiniti b'mod ċar biżżejjed kemm abbażi tal-kliem użat f'dawn ir-regoli kif ukoll fuq il-bażi tal-għan tagħhom. Min-naħa l-oħra, f'din il-kawża, is-sitwazzjoni mhijiex paragunabbli, kif jirriżulta minn interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet Komunitarji rilevanti.

3. Interpretazzjoni tad-direttivi inkwistjoni

65. Fl-ewwel lok għandu jiġi kkonstatat li d-Direttiva 64/433 fil-verżjoni kif emendata bid-Direttiva 91/497 għandha l-għan li tikseb is-suq intern tal-laħam frisk filwaqt li tiggarantixxi fl-istess ħin il-ħarsien tas-saħħa. B'mod konformi mal-premessi 2 sa 4 tad-Direttiva 64/433, il-leġiżlatur Komunitarju juża l-metodu ta' approssimazzjoni tal-liġijiet biex jissimplifika l-kummerċ intra-Komunitarju permezz tal-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-kummerċ li jirriżultaw mid-"differenzi bejn ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-Istati Membri li jikkonċernaw il-laħam".

66. Għaldaqstant, id-Direttiva 64/433 stabbilixxiet sistema ta' spezzjonijiet sanitarji armonizzata, ibbażata fuq l-ekwivalenza tal-garanziji sanitarji meħtieġa fl-Istati Membri kollha, li tassigura simultanjament il-protezzjoni tas-saħħa u l-ekwivalenza tat-trattament tal-merkanzija. Din is-sistema hija intiża li tittrasferixxi l-ispezzjonijiet sanitarji lejn l-Istat Membru minn fejn tintbagħat il-merkanzija [26]. Dan l-aħħar objettiv fl-aħħar mill-aħħar huwa mwettaq mid-Direttiva 89/662 li tistabbilixxi r-regoli dwar l-ispezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju. Dawn l-ispezzjonijiet, li qabel kienu jsiru fil-fruntieri interni tal-Istati Membri, huma essenzjalment ittrasferiti lejn il-pajjiż ta' oriġini tal-laħam frisk, skont il-ħames premessa tad-Direttiva 89/662.

67. Minkejja dak li ntqal hawn fuq, id-Direttiva 89/662 tagħti fl-Artikolu 5 tagħha lill-Istat Membru tad-destinazzjoni l-possibbiltà li jivverifika permezz ta' spezzjonijiet veterinarji fuq il-bażi ta' kampjuni u ta' natura mhux diskriminatorja l-konformità tal-merkanzija mar-regoli sanitarji fis-seħħ. Din hija kjarament dispożizzjoni bil-għan li tippreżerva s-saħħa pubblika fil-kuntest tas-sistema adottata mid-Direttiva: effettivament, din tagħti permezz tal-Artikolu 7 s-setgħa li jiġi pprojbit il-bejgħ tal-laħam meta jiġu kkonstatati nuqqasijiet matul il-kunsinna. Madankollu, f'dak il-każ, huwa previst li l-Istat li juża dik

26 — Ara f'dan is-sens is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 1983, Delhaize Frères (kawżi magħquda 2/82 sa 4/82, Ġabra p. 2973, punt 11), tal-15 ta' Diċembru 1993, Ligur Carni *et* (kawżi magħquda C-277/91, C-318/91 u C-319/91, Ġabra p. I-6621, punt 25), u Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, tat-12 ta' Novembru 1998 (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 26).

il-possibbiltà għandu japplika mingħajr dewmien il-proċedura partikolari tal-Artikolu 8 biex jirrimedja l-ilmenti dwar il-konformità tal-merkanzija mar-regoli sanitarji.

68. Waqt li d-direttivi ċċitati iktar 'il fuq għandhom l-objettiv prinċipali li jinkiseb is-suq intern [27], dawn prattikament ma jgħidu xejn dwar ir-rwol li għandhom jeżerċitaw il-produtturi tal-laħam u/jew l-esportaturi fil-kuntest tal-ispezzjonijiet veterinarji. Għall-kuntrarju ta' dak li affermat il-konvenuta matul is-seduta, għandhom jiġu eżaminati mhux biss id-drittijiet tal-produtturi tal-laħam iżda wkoll dawk tal-esportaturi, inkwantu r-rikorrenti wettqet parti mill-esportazzjonijiet tagħha ta' laħam fil-Ġermanja permezz tal-kumpannija Ġermaniża tagħha ESS FOOD [28]. Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti tikkostitwixxi entità ekonomika li, għall-kuntrarju tal-affermazzjonijiet tal-konvenuta, twettaq attività ekonomika transkonfinali (produzzjoni fid-Danimarka u bejgħ fil-Ġermanja).

69. Fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja [29], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li direttiva għandha l-għan li toħloq drittijiet u obbligi fir-rigward ta' individwi, billi tobbliga lill-Istati Membri, permezz ta' dispożizzjonijiet preċiżi u dettaljati, li jistabbilixxu firxa sħiħa ta' projbizzjonijiet, sistemi ta' awtorizzazzjoni u proċeduri ta' kontroll. Madankollu, dan il-kriterju huwa sodisfatt biss parzjalment f'din il-kawża. Huwa minnu li d-Direttiva 89/662 tistabbilixxi sensiela sħiħa ta' proċeduri dwar il-kontroll u t-trażmissjoni ta' informazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, iżda numru żgħir biss ta' drittijiet jista' jiġi ddeterminat b'mod ċar permezz tal-obbligu sempliċi impliċitu li jiġu permessi spezzjonijiet veterinarji fl-Istat ta' oriġini u/jew li jiġu permessi spezzjonijiet mhux diskriminatorji permezz ta' proċedura ta' spezzjoni b'teħid ta' kampjuni fl-Istat ta' destinazzjoni skont l-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 89/662, drittijiet li jistgħu jiġu eżerċitati minn produttur u/jew operatur li jbiegħ il-laħam quddiem l-awtoritajiet kompetenti. Dawn huma biss drittijiet ta' natura proċedurali, bħad-dritt tal-fornitur jew tal-mandatarju tiegħu skont l-Artikolu 7(1)(b) tad-Direttiva 89/662 li jagħżel bejn il-qerda tal-merkanzija jew l-użu tagħha għal finijiet oħra, inkluż li tintbagħat lura. Barra minn hekk, l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 89/662 jipprovdi għal obbligi għall-awtoritajiet kompetenti fil-konfront tal-fornitur jew il-mandatarju tiegħu bħall-komunikazzjoni tar-raġunijiet għad-deċiżjonijiet meħuda u r-rimedji legali disponibbli.

70. B'hekk, jidher li l-imsemmija dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/662 huma essenz-

27 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja tat-12 ta' Novembru 1998 (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punt 27) li ngħatat fil-kuntest ta' kawża għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-imsemmija direttivi (id-Direttiva 64/433 fil-verżjoni li tirriżulta mid-Direttiva 91/497) kif ukoll id-Direttiva 89/662 jifformaw parti mill-miżuri intenzjonati biex jinkiseb, b'mod gradwali, is-suq intern" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

28 — Ara l-punt 23 tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti.

29 — Sentenza tat-28 ta' Frar 1991 (C-131/88, Ġabra p. I-825, punt 7).

jalment limitati għar-regolamentazzjoni ta' aspetti proċedurali tal-kontrolli amministrattivi u f'dan ir-rigward, il-produtturi u l-operaturi li jbiegħu l-laħam tal-majjal għandhom rwol passiv inkwantu għandhom jippermettu l-adozzjoni tal-miżuri mill-awtoritajiet kompetenti. Għaldaqstant, dawn id-dispożizzjonijiet ma jagħtu ebda dritt b'kontenut suffiċjentement identifikabbli li fuq il-bażi tiegħu dawk il-gruppi ta' persuni jistgħu jressqu azzjoni għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat.

71. Bl-istess mod, ebda dritt individwali ma jista' jirriżulta mill-Artikoli 5(1)(o) u 6(1)(b)(iii) tad-Direttiva 64/433 fil-verżjoni kif emendata bid-Direttiva 91/497 peress li dawk id-dispożizzjonijiet sempliċement jagħtu lok għal obbligu tal-awtoritajiet nazzjonali li jiddikjaraw li l-laħam li jkollu riħa sesswali ppronunzjata mhuwiex tajjeb għall-konsum. Fl-istess ħin, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jimponu l-obbligu li jiġi mmarkat b'mod ċar il-laħam ta' majjali maskili mhux ikkastrati u b'piż ta' iktar minn 80 kg u li jissuġġettawh għal trattament bis-sħana. Għaldaqstant, l-objettiv prinċipali tad-direttivi huwa li tiġi assigurata armonizzazzjoni tal-ispezzjonijiet veterinarji u tal-prinċipji li japplikaw għall-miżuri sanitarji ta' sigurtà. L-Istati Membri għandhom isegwu din l-armonizzazzjoni billi jħarsu l-obbligi msemmija f'dawk id-direttivi. Dawn mhumiex intenzjonati unikament li jipproteġu d-drittijiet tal-produtturi u l-Istati Membri biss huma suġġetti għall-obbligu li jaġixxu.

72. L-argument tar-rikorrenti li dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati fissens li jipprojbixxu lill-Istati Membri milli jimponu rekwiżiti għall-bejgħ li jmorru lil hinn mill-Artikolu 6 għandu jiġi aċċettat. Din l-interpretazzjoni ġiet difiża mill-Avukat Ġenerali La Pergola fil-konklużjonijiet tiegħu mogħtija fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja [30], u ġiet ikkonfermata

30 — Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-3 ta' Frar 1998 (punt 8), l-Avukat Ġenerali La Pergola ddikjara li ma jeżisti ebda dubju dwar il-fatt li r-rekwiżiti imposti mill-awtoritajiet Ġermaniżi f'dak li jirrigwarda l-immarkar u t-trattament bis-sħana tal-laħam tal-majjal imorru kontra l-Artikolu 6(1)(b)(iii). It-test ta' dak l-Artikolu huwa fil-fatt ċar u inekwivoku: għandu jkollhom il-marka speċjali u jiġu suġġetti għal trattament bis-sħana biss dawk il-karkassi li jkunu jiżnu iktar minn 80 kg; u meta l-istabbiliment ma jkunx kapaċi jiggarantixxi permezz ta' metodu komuni, jew fin-nuqqas ta' dan il-metodu, permezz ta' metodu rikonoxxut mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini, li "l-karkassi [li] qegħdin jemittu riħa pronunzjata ta' ċingjal [sesswali] jistgħu jinkixfu". L-awtoritajiet Ġermaniżi, għall-kuntrarju, jeżiġu l-marka u t-trattament bis-sħana wkoll għall-karkassi b'piż ta' inqas mil-limitu minimu ta' 80 kg imsemmi iktar 'il fuq. L-awtoritajiet Ġermaniżi barra minn hekk jeżiġu dan it-trattament irrispettivament mill-fatt li l-awtorità tal-pajjiż ta' oriġini tuża metodu adattat biex jiġi identifikat il-laħam li jkollu riħa sesswali ppronunzjata; fil-fatt, fin-nota inkwistjoni, huwa indikat preċiżament li "it-test immuno-enżimatiku mmodifikat tal-professur Claus biss huwa rikonoxxut bħala metodu speċifiku li jippermetti li tintwera l-preżenza tal-androsteronju". Għaldaqstant, il-ksur tal-Artikolu 6(1)(b)(iii) huwa ċar.

bis-sentenza tat-12 ta' Novembru 1998 [31]. Madankollu, kif issottometta korrettament il-Gvern Pollakk fl-osservazzjonijiet tiegħu [32], dan f'ebda każ ma jista' jfisser li mill-obbligu impost fuq l-Istati Membri awtomatikament jirriżulta dritt suġġettiv għall-individwi. Kwalunkwe interpretazzjoni oħra jkollha l-effett li l-interess tal-operaturi ekonomiċi li jiġi sodisfatt mill-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-kummerċ intra-Komunitarju għandu jitqies bħala dritt individwali. Is-sempliċi fatt li dispożizzjoni tagħti lil individwu vantaġġi ma jagħti lok għal ebda dritt suġġettiv iżda l-iktar l-iktar jipprovdi effett ġuridiku favorevoli b'mod indirett [33]. Id-duttrina fil-qasam tad-dritt pubbliku suġġettiv tirrikonoxxi l-eżistenza ta' dritt suġġettiv meta regola vinkolanti jkollha l-għan mhux biss li tipproteġi interessi pubbliċi iżda wkoll — u għall-inqas — l-interessi tal-individwi. Għaldaqstant, biex tkun tista' titressaq azzjoni għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat, wieħed għandu jistaqsi, fid-dawl tal-ġurisprudenza attwali tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk ir-regola miksura tagħtix lill-persuna leża dritt suġġettiv fis-sens ta' pożizzjoni protetta ġuridikament [34]. Meta jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet preċedenti dwar id-direttivi inkwistjoni f'din il-kawża, hemm lok li tingħata risposta ċara negattiva.

## 4. Konklużjonijiet

73. Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hi li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5(1)(o) u 6(1)(b)(iii) tad-Direttiva 64/443 fil-verżjoni kif emendata bid-Direttiva 91/497 u tal-Artikoli 5(1), 7 u 8 tad-Direttiva 89/662, meħuda flimkien, ma jpoġġux lill-produtturi u l-operaturi li jbiegħu l-laħam tal-majjal, f'każ ta' traspożizzjoni jew applikazzjoni ħażina, f'pożizzjoni ġuridika li tista' tagħti lok għal pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju.

31 — Ara s-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punti 32 u 33). Ara wkoll fuq dan is-suġġett F. Aubry-Caillaud, la libre circulation des marchandises — nouvelle approche et normalisation européenne, Pariġi 1998, p. 68 li jenfasizza li f'każ ta' armonizzazzjoni kompleta, l-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jifdlilhomx il-possibbiltà li jissuġġettaw il-merkanzija provenjenti minn Stati Membri oħrajn għal rekwiżiti oħrajn dwar l-immarkar apparti dawk stabbiliti mid-dritt Komunitarju.

32 — Osservazzjonijiet tal-Gvern Pollakk, punt 14.

33 — F'dan is-sens ara H. Maurer, Allgemeines Vertwaltungsrecht, il-Ħdax-il edizzjoni, Munich 1997, paragrafu 8, punt 8, p. 152. Fir-rigward tad-dritt tar-responsabbiltà tal-Istati, ara M. Nettesheim,, Die mitgliedstaatliche Durchführung von EG-Richtlinien, Berlin 1999, p. 43, li skontu, biex direttiva tagħti dritt suġġettiv, jeħtieġ li din tipproteġi "interess individwali li jisthoqqlu l-protezzjoni b'mod ikkwalifikat". M'huwiex biżżejjed li "r-regoli ta' traspożizzjoni jolqtu b'mod tanġibbli l-isfera ta' interessi taċ-ċittadin". Bl-istess mod, mhuwiex biżżejjed li l-azzjoni imposta mid-dispożizzjoni tad-direttiva "tikkonċerna l-affarijiet tal-individwi b'tali mod li tkun ta' benefiċċju għall-interessi tagħhom". B'ħekk, l-awtur jagħmel distinzjoni bejn sempliċi "interessi" u "drittijiet" (bħala interessi li jisthoqqilhom protezzjoni ġuridika). Skont S. Laut Beljin,, Staatshaftung im Europarecht, Cologne 2000, p. 139, il-kunċett ta' drittijiet suġġettivi, li inizjalment kien interpretat b'mod restrittiv, issa huwa interpretat bħala kunċett ġeneriku li jħaddan kemm id-drittijiet *stricto sensu*, l-interessi li jisthoqqilhom protezzjoni kif ukoll il-pożizzjonijiet ġuridiċi. Huwa jsostni li għandha ssir distinzjoni bejn l-interessi ġuridiċi u "s-sempliċi interessi ekonomiċi, politiċi, estetiċi u oħrajn". M'hemmx protezzjoni ġuridika ta' interess meta jkun jeżisti biss sempliċi effett ġuridiku indirett: sempliċi effett fattwali u mhux normattiv ta' regola ġuridika, jew sempliċi "riflessjoni".

34 — Bħala regola ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja tuża l-kunċett ta' "dritt individwali", iżda fil-fatt hija tkun trid tfisser biss "dritt suġġettiv". R. Alexy, Theorie der Grundrechte, Baden-Baden 1985, p. 164, jifhem bi dritt suġġettiv fis-sens tal-teorija legali, pożizzjonijiet u relazzjonijiet ġuridiċi. F'dan ir-rigward, huwa jagħmel referenza għall-prinċipji tat-teorija legali ta' Bernhard Windscheid u Rudolf von Jhering. Skont Windscheid, id-dritt oġġettiv huwa "is-setgħa jew id-dominanza ta' volontà li tirriżulta mis-sistema ġuridika", skont Jhering, id-drittijiet suġġettivi huma "interessi protetti ġuridikament". Id-diskussjoni dwar din it-teorija wasslet għal għadd ta' teoriji kkombinati. Minn naħa waħda, id-dritt suġġettiv huwa ddefinit bħala setgħa ġuridika li tingħata lill-individwi mis-sistema ġuridika, sabiex jiġu ssodisfatti interessi tal-bniedem. Min-naħa tiegħu, Georg Jellinek jiddefinih bħala "setgħa ta' volontà li tirrigwarda beni jew interess protett u rikonoxxut mis-sistema ġuridika". Skont H. Maurer, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 33), paragrafu 8, punt 2, p. 149, id-dritt pubbliku suġġettiv huwa, mill-perspettiva taċ-ċittadin, "is-setgħa ġuridika mogħtija mid-dritt pubbliku lill-individwi biex ikunu jistgħu jeżiġu mill-Istat aġir partikolari biex jilħqu l-interessi tagħhom".

C — *Fuq it-tieni domanda*

74. Fil-każ li d-direttivi inkwistjoni ma jagħtux drittijiet lil grupp ta' benefiċjarji, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, permezz tat-tieni domanda tagħha, jekk dawk il-persuni jistgħux jinvokaw il-ksur tal-moviment liberu tal-merkanzija abbażi tal-Artikolu 28 KE biex jissostanzjaw pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju.

1. Il-libertajiet fundamentali bħala drittijiet pubbliċi suġġettivi

75. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li drittijiet individwali jistgħu jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju dwar il-libertajiet fundamentali. Il-libertajiet fundamentali ma jagħtux lok biss għal dritt oġġettiv iżda jagħtu wkoll lill-individwi s-setgħa li jinvokaw l-obbligi normattivi stabbiliti fihom fil-konfront tal-persuni suġġetti għal dawk l-obbligi. Jekk il-libertajiet fundamentali jistabbilixxu din il-pożizzjoni ġuridika fir-rigward tal-awtoritajiet pubbliċi, dawn jistgħu jiġu kkwalifikati bħala drittijiet pubbliċi suġġettivi [35]. Minn dan jirriżulta li dawn il-libertajiet fundamentali jistgħu jagħtu lok għal pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat f'każ ta' ksur tagħhom. Dan huwa partikolarment il-każ f'dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija inkwistjoni f'din il-kawża [36].

76. B'hekk, fis-sentenza Brasserie du Pêcheur [37], il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-ewwel kundizzjoni għall-eżistenza ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat f'każ ta' ksur tal-Artikolu 28 KE kienet sodisfatta peress li "filwaqt li l-Artikolu [28] jimponi projbizzjoni fuq l-Istati Membri, huwa minnaħa l-oħra jagħti drittijiet lill-individwi, li l-qrati nazzjonali għandhom iħarsu".

77. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat din il-pożizzjoni fis-sentenza Hedley Lomas [38] u fl-istess ħin estendietha għall-kummerċ intra-Komunitarju tal-laħam tal-biċċeriji. Dik il-kawża oriġinat minn kawża bejn l-impriża Hedley Lomas Ltd u l-Ministry of Agriculture, Fisheries and Food (Ministeru tal-Agrikoltura, Sajd u Ikel) tal-Ingilterra u ta' Wales, wara r-rifjut minn dan tal-aħħar li joħroġ liċenzja għall-esportazzjonijiet ta' nagħaġ

35 — Ara f'dan is-sens T. Kingreen, f'Calliess/Ruffert (editur), (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18), artikoli 28 sa 30, punt 9, p. 578; l-istess awtur, Die Struktur der Grundfreiheiten des Europäischen Gemeinschaftsrechts, Berlin 1999, p. 23 *et sequitur*.

36 — Barra minn hekk, P.-C Müller-Graff,., Kommentar über die Europäische Union und Vertrag zur Gründung der Europäischen Gemeinschaft (editjat minn Hans von der Groeben/Jürgen Schwarze), Baden-Baden 2003, volum 1, artikolu 28, punt 316, p. 1065 jenfasizza li Stat Membru huwa obbligat jagħmel tajjeb għal dannu kkawżat lil individwu minħabba l-fatt li jkun adotta miżuri li jmorru kontra l-Artikolu 28 KE, jew minħabba li ma jkun adotta ebda miżura għall-protezzjoni tal-moviment liberu tal-merkanzija kontra d-danni kkawżati lill-individwi, kemm-il darba l-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha dwar ir-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju jkunu ssodisfati.

37 — Sentenza Brasserie du Pêcheur u Factortame (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 54).

38 — Sentenza Hedley Lomas (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punti 27 sa 29) li tirreferi għas-sentenza tad-29 ta' Novembru 1978, Pigs Marketing Board (83/78, Ġabra p. 2347, punti 66 u 67), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja qalet ukoll li "id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 30 u 34 tat-Trattat KE kif ukoll tar-Regolament Nru 2795/75 huma direttament applikabbli u bħala tali jagħti drittijiet lill-individwi li l-qrati tal-Istati Membri huma obbligati li jissalvagwardjaw" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

ħajjin u ddestinati għall-qatla f'biċċeriji fi Spanja. Din id-deċiżjoni kienet immotivata mill-fatt li dawk l-annimali kienu suġġetti fil-biċċeriji ta' dak l-Istat għal trattament li jmur kontra d-Direttiva 74/577/KEE dwar l-istordament tal-annimali qabel il-qtil [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-rifjut li tingħata liċenzja tal-esportazzjoni kien jikkostitwixxi restrizzjoni tal-esportazzjonijiet kontra l-Artikolu 28 KE u mhux iġġustifikata mill-Artikolu 30 KE u hija enfasizzat li l-Artikolu 28 KE jagħti drittijiet lill-individwi. Fid-dawl tal-fatt li r-Renju Unit ma kien adotta ebda deċiżjoni ta' natura leġiżlattiva fil-mument ta' dak il-ksur u ma kellu ebda setgħa ta' diskrezzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-ksur tad-dritt primarju kien seħħ b'mod suffiċjenti biex tkun tista' tiġi rikonoxxuta l-eżistenza ta' nuqqas serju.

78. Madankollu, għad irid jiġi eżaminat, minn naħa waħda, jekk l-impriżi leżi jistgħux jinvokaw id-dritt primarju meta, fil-każ inkwistjoni, direttiva ta' armonizzazzjoni tkun ġiet adottata u min-naħa l-oħra, jekk dik id-direttiva ma tikkostitwixxix il-qafas ta' referenza aħħari biex jiġu evalwati kemm l-obbligi tal-Istati Membri kif ukoll, jekk applikabbli, l-eżistenza eventwali ta' responsabbiltà tal-Istat Membru. F'dan il-kuntest, għandha ssir referenza għas-sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja [39], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja effettivament ikkonstatat li d-dispożizzjonijiet dwar is-sejba ta' riħa sesswali qawwija ta' majjal maskili mhux ikkastrat kienu armonizzati.

2. Supremazija tad-dritt sekondarju

79. Il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li skontha, ladarba qasam partikolari jkun ġie armonizzat b'mod eżawrjenti fuq livell Komunitarju, kull miżura nazzjonali relatata ma' dak il-qasam għandha tiġi evalwata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' dik id-direttiva u mhux ta' dawk tat-Trattat KE [40] tista' timmilita kontra r-referenza diretta għad-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju dwar il-libertajiet fundamentali. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat ukoll li d-direttivi, bħad-dritt sekondarju kollu, għandhom jiġu interpretati fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-moviment liberu tal-merkanzija.

80. Għall-kuntrarju tal-ġurisprudenza preċedenti tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja preżentament għandha tendenza li teskludi b'mod espliċitu mhux biss l-invokazzjoni tal-ġustifikazzjonijiet stabbiliti mid-dritt primarju

39 — Sentenza tat-12 ta' Novembru 1998 (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17, punti 29 u 36).

40 — Sentenzi tal-5 ta' Ottubru 1977, Tedeschi (5/77, Ġabra p. 1555, punt 35); tat-30 ta' Novembru 1983, Van Bennekom (227/2, Ġabra p. 3883, punt 35); tat-12 ta' Ottubru 1993, Vanacker u Lesage (C-37/92, Ġabra p. I-4947, punt 9); tal-5 ta' Ottubru 1994, Centre d'insémination de la Crespelle (C-323/93, Ġabra p. I-5077, punt 31); tal-11 ta' Lulju 1996, Bristol-Myers Squibb *et* (C-427/93, C-429/93 u C-436/93, Ġabra p. I-3457, punt 25); tat-13 ta' Diċembru 2001, Daimler Chrysler (C-324/99, Ġabra p. I-9897, punt 32), u tal-11 ta' Diċembru 2003, Deutscher Apothekerverband (C-322/01, Ġabra p. I-14887, punt 64).

fl-Artikolu 30 KE, iżda wkoll l-Artikolu 28 KE bħala kriterju ta' evalwazzjoni [41]. Id-dritt sekondarju jikkonkretizza d-dritt primarju u, konsegwentement, jikkostitwixxi l-uniku kriterju ta' evalwazzjoni tal-aġir tal-Istati Membri [42]. Din hija r-raġuni għalfejn l-invokazzjoni ta' xi ġustifikazzjoni hija esklużа. Din il-ġurisprudenza ġiet ikkonfermata reċentement mis-sentenzi Deutscher Apothekerverband [43], Radlberger Getränkegesellschaft [44] u Denkavit [45] [46].

81. Il-kawżi li ġew deċiżi s'issa kienu jirrigwardaw eżaminazzjoni tal-kompatibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt Komunitarju kif ukoll tal-kwistjoni jekk Stat Membru partikolari kienx issodisfa b'mod sħiħ l-obbligi tiegħu li jirriżultaw mid-direttiva inkwistjoni. Madankollu, ma nikkunsidrax li l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja li skontha d-direttiva tikkostitwixxi l-uniku qafas ta' evalwazzjoni, jistgħu japplikaw ukoll għal din il-kawża.

82. F'din il-kawża, id-direttivi li l-konvenuta kisret jikkonċernaw biss aspetti proċedurali tal-ispezzjonijiet veterinarji. Jekk direttiva tirregola biss dettalji ta' natura proċedurali [47], allura jiena tal-fehma li m'hemmx lok li wieħed jippreżumi bħala fatt li l-leġiżlatur Komunitarju kellu l-intenzjoni li jirregola wkoll id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u li jneħħilhom il-possibbiltà li jinvokaw id-dritt tagħhom fir-rigward tal-moviment liberu tal-merkanzija abbażi tal-Artikolu 28 KE.

83. Din l-interpretazzjoni proposta lanqas ma toħloq riskju li l-kundizzjonijiet għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat imposti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jiġu evitati. Effettivament, ksur tad-dispożizzjonijiet ta' direttiva li ma tagħti ebda dritt suġġettiv minħabba n-natura proċedurali tagħha ma jagħtix lok awtomatikament għal dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi eżaminat bi preċiżjoni jekk dawk id-dispożizzjonijiet proċedurali jwasslux ugwalment għal ksur tad-dritt suġġettiv taċ-ċittadini tal-Unjoni li jkollhom aċċess għas-suq skont l-Artikolu 28 KE. Hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina dan fil-kuntest ta' din il-proċedura. Għaldaqstant, għall-kuntrarju ta' dak li jafferma l-Gvern Ġermaniż, il-ksur ta' dispożizzjoni tad-direttiva ma jwassalx awtomatikament għal ksur tal-Artikolu 28 KE u b'hekk, ir-riskju ta' responsabbiltà mingħajr limitu tal-Istati Membri mhuwiex stabbilit.

41 — Sentenzi Deutscher Apothekerverband (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40, punt 65); tal-14 ta' Diċembru 2004, Radlberger Geträngesellschaft (C-309/02 Ġabra p. I-11763, punt 53), u tat-13 ta' Jannar 2005, Denkavit (C-145/02, Ġabra p. I-51, punt 22).

42 — Ara wkoll T. Kingreen f'Calliess/Ruffert (editur), iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, artikoli 28 sa 30, punt 18, li jsostni li d-dritt sekondarju huwa "il-mezz li permezz tiegħu jitwettqu l-formolazzjoni u t-tiswir tal-libertajiet fundamentali — li huma essenzjali għas-sistema ġuridika Komunitarja — fil-forma ta' drittijiet u obbligi konkreti u delimitati".

43 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 40, punt 65.

44 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 41, punt 53.

45 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 41, punt 22.

46 — T. Kingreen (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35), p. 151; dan l-istess awtur f'Calliess/Ruffert (editur), iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, artikoli 28 sa 30, punt 18, jiddikjara li l-Qorti tal-Ġustizzja spiss tittratta r-relazzjoni li teżisti bejn il-libertajiet fundamentali u d-dritt sekondarju bħala problema marbuta mal-ġustifikazzjoni ta' ostakolu: fin-nuqqas ta' kompetenza tal-Istati Membri, l-użu ta' ġustifikazzjoni huwa esklużi meta u sa fejn il-każ ikun irregolat mid-dritt sekondarju. Madankollu, huwa jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja, u b'mod iktar partikolari fil-ġurisprudenza reċenti tagħha, eżaminat ukoll din il-kwistjoni fid-dawl tal-kwistjoni tal-kamp ta' applikazzjoni.

47 — Ara l-punt 71 iktar 'il fuq.

3. Konklużjonijiet

84. Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda hi li l-produtturi Daniżi tal-laħam tal-majjal u l-operaturi Daniżi li jbiegħuh jistgħu jinvokaw ksur tal-moviment liberu tal-merkanzija abbażi tal-Artikolu 28 KE biex jissostanzjaw pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju. Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina jekk ksur tad-dispożizzjonijiet tad-direttivi li ma jagħtux drittijiet suġġettivi jwassalx għal ksur tad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jkollhom aċċess għas-suq skont l-Artikolu 28 KE.

D — *Domanda preliminari għat-tielet u r-raba' domandi*

85. It-tielet u r-raba' domandi jirrigwardaw l-effetti tad-dritt Komunitarju u r-regoli nazzjonali dwar il-preskrizzjoni. Madankollu, jirriżulta mid-deċiżjoni ta' rinviju [48] li l-Bundesgerichtshof titlob fl-ewwel lok li tingħata risposta għad-domanda jekk il-prinċipji Komunitarji ta' ekwivalenza u ta' effettività jipprekludux l-applikazzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin tal-Artikolu 852(1) tal-BGB fil-verżjoni qadima tiegħu.

48 — Deċiżjoni tar-rinviju, punt 24.

1. Kompetenza tal-leġiżlatur nazzjonali

86. Fl-ewwel lok għandu jiġi osservat li, bla ħsara għall-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunitajiet, id-dritt Komunitarju ma jirregolax il-kwistjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjonijiet għal kumpens għad-danni kkawżati mill-Istat.

87. Għall-kuntrarju, jirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja [49], li huwa fil-kuntest tad-dritt nazzjonali li għandhom jiġu rrimedjati l-konsegwenzi ta' dannu kkawżat. Effettivament, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni Komunitarja, hija s-sistema legali interna ta' kull Stat Membru li għandha tagħżel il-qrati kompetenti u li għandha tirregola l-modalitajiet proċedurali tal-azzjonijiet ġudizzjarji bil-għan li jiġi żgurat il-ħarsien sħiħ tad-drittijiet li l-individwu għandu taħt id-dritt Komunitarju.

88. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet espressament li l-iffissar ta' terminu ta' preskrizzjoni biex jiġu invokati motivi f'kawżi fil-qasam fiskali [50] jaqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri. Għaldaqs-

49 — Sentenza Francovich *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punti 37 u 42).

50 — Sentenzi tal-10 ta' Lulju 1997, Palmisani (C-261/95, Ġabra p. I-4025, punti 27 u 28); tas-17 ta' Lulju 1997, Texaco u Olieselskabet Danmark (C-114/95 u C-115/95, Ġabra p. I-4263, punt 60); tat-2 ta' Diċembru 1997, Fantask (C-188/95, Ġabra p. I-6783, punti 47 sa 49), u tal-15 ta' Settembru 1998, Edis (C-231/96, Ġabra p. I-4951, punti 33 u 34).

tant, jista' jidher li huwa loġiku li tiġi rikonoxxuta ugwalment il-kompetenza tal-Istati Membri biex jiddeterminaw it-terminu li mal-iskadenza tiegħu pretensjoni tad-dritt għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju jiġi preskritt [51], u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dawk it-termini humiex suġġetti fis-sistema legali tal-Istat Membru għal kundizzjonijiet tad-dritt sostantiv jew għal kundizzjonijiet proċedurali jew ta' responsabbiltà [52].

2. Rekwiżiti ta' ekwivalenza u effettività

89. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-iffissar ta' terminu raġonevoli għall-preżentata ta' rikors jikkostitwixxi applikazzjoni tal-prinċipju fundamentali ta' ċertezza legali b'mod illi t-termini ta' dekadenza u ta' preskrizzjoni huma fil-prinċipju kompatibbli mad-dritt Komunitarju inkwantu l-modalitajiet tal-applikazzjoni tagħhom jissodisfaw il-prinċipju ta' effettività u ta' ekwivalenza [53].

90. Il-prinċipju ta' ekwivalenza jfisser, minn naħa waħda, li l-kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali stabbiliti mill-Istati Membri fil-qasam tal-kumpens għad-danni m'għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirrigwardaw rikorsi simili ta' natura interna. Min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' effettività huwa ddefinit fis-sens li dawk il-kundizzjonijiet ma jistgħux ikunu applikati b'tali mod li fil-prattika jkun impossibbli jew eċċessivament diffiċli biex jinkiseb il-kumpens għad-danni [54].

51 — F'dan is-sens, C, Pestalozza "Roß und Reiter: Art. 34 GG und die gemeinschaftsrechtliche Staatshaftung", Gemeinwohl und Verantwortung: Festschrift für Hans Herbert von Arnim zum 65. Geburtstag, Berlin 2000, p. 291, jikkunsidra li la d-dritt Komunitarju u lanqas l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni Ġermaniża ma jipprovdu li d-dritt Ġermaniż japplika fuq bażi kumplimentari mad-dritt tar-responsabbiltà taħt id-dritt Komunitarju. F'dan ir-rigward, huwa jirreferi għad-dispożizzjonijiet tad-dritt ċivili dwar il-kodebitur kif ukoll għar-regoli dwar il-preskrizzjoni. Gellermann, EUV/EGV (Rudolf Streinz editur) Munich 2003, volum 57, Artikolu 288, punt 56 jirrileva min-naħa tiegħu li l-kwistjoni dwar meta jiġi preskritt id-dritt għal kumpens għad-danni għandha tiġi ddeterminata skont ir-regoli tad-dritt intern. Skont dan l-awtur, l-użu tal-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa pprojbit peress li għalkemm id-dritt tar-responsabbiltà huwa previst b'mod ċar fid-dritt Komunitarju, l-implimentazzjoni konkreta tiegħu taqa' taħt il-kompetenza tad-dritt nazzjonali. Fid-dawl ta' dan, id-determinazzjoni iktar preċiża tat-terminu ta' preskrizzjoni hija rriżervata għall-Istati Membri u f'dan ir-rigward, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju tal-effettività u mill-prinċipju tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni biss għandhom jiġu rrispettati. Fl-istess sens, ara J. Hidien, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7), p. 71. Skont U. Kischel,, "Gemeinschaftsrechtliche Staatshaftung zwischen Europarecht und nationaler Rechtsordnung", Europarecht, ir-raba' ktieb, 2005, p. 450, it-termini ta' preskrizzjoni jaqgħu taħt l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, u dan irrispettivament mill-kwistjoni jekk skont il-kunċetti ġuridiċi nazzjonali dawk it-termini għandhomx jiġu kklassifikati bħala regoli proċedurali jew sostantivi.

52 — Skont id-dritt Ġermaniż, it-termini ta' dekadenza u ta' preskrizzjoni huma distinti mill-effetti tagħhom. Fir-rigward ta' terminu ta' dekadenza, id-dritt jintemm mal-iskadenza tat-terminu, waqt li t-terminu ta' preskrizzjoni sempliċement jagħti dritt li wieħed jirrifjuta li jwettaq obbligu. L-iskadenza ta' terminu ta' dekadenza għandha tiġi ssollevata *ex officio* matul kawża waqt li terminu ta' preskrizzjoni jista' jiġi ssollevat biss minn waħda mill-partijiet. Filwaqt li t-terminu ta' preskrizzjoni jirrigwarda biss drittijiet li jeżiġu minn ħaddieħor li jagħmel jew li ma jagħmilx xi ħaġa (Artikolu 194 tal-BGB), it-terminu ta' dekadenza jirrigwarda wkoll drittijiet oħrajn u b'mod partikolari drittijiet li jippermettu lil persuna tikkostitwixxi jew tbiddel drittijiet u biss fuq bażi eċċezzjonali d-drittijiet li jeżiġu minn ħaddieħor li jagħmel jew li ma jagħmilx xi ħaġa (ara Alandt/Heinrichs, H. Bürgerliches Gesetzbuch, l-64 edizzjoni, Munich 2005, preżentazzjoni tal-Artikolu 194, punt 13).

53 — Sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1976, Rewe (33/76, Ġabra p. 1989, punt 5); Comet (45/76, Ġabra p. 2043, punti 13 u 16); Francovich *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punt 43); tal-14 ta' Diċembru 1995, Peterbroek (C-312/95, Ġabra p. I-4599, punti 14 *et sequitur*); Palmisani (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 50, punt 27); tal-1 ta' Ġunju 1999, Eco Swiss China Tima vs Benetton International (C-126/97, Ġabra p. I-3055, punt 45); tat-22 ta' Frar 2001, Camarotto u Vignone (C-52/99 u C-53/99, Ġabra p. I-1395, punti 28 u 30); tal-20 ta' Settembru 2001, Courage u Crehan (C-453/99, Ġabra p. I-6297, punt 29), u tat- 13 ta' Lulju 2006, Manfredi (C-295/04 sa C-298/04, Ġabra p. I-6619, punt 62). F'dan is-sens, ara wkoll A. Von Bogdandy,, Das Recht der Europäischen Union (editjat minn Eberhard Grabitz/Meinhard Hilf), volum I, Munich 2007, artikolu 10, punti 48, 54 u 54a.

54 — Sentenzi Francovich *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punti 41 sa 43), Norbrook Laboratories (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 111), u tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, Ġabra p. I-10239, punt 58).

91. Bħala regola, l-istħarriġ konkret tal-konformità mal-kundizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq ta' regola proċedurali nazzjonali jaqa' taħt il-kompetenza tal-qrati nazzjonali, li għandhom l-obbligu, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni stabbilit fl-Artikolu 10 KE, li jassiguraw il-protezzjoni ġuridika tal-individwi li tirriżulta mill-effett dirett tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju. Konsegwentement, jekk il-qorti nazzjonali tikkonstata li r-regola nazzjonali mhijiex, minn din il-perspettiva, konformi mad-dritt Komunitarju, hija m'għandhiex tapplikaha [55].

92. Madankollu, l-istħarriġ astratt tal-kundizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq jaqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li, fil-kuntest tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari li jsir abbażi tal-Artikolu 234 KE, hija responsabbli biex tassigura l-applikazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju [56].

93. Fir-rigward tal-ħarsien tal-prinċipju ta' ekwivalenza, l-iffissar ta' terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin kif previst mill-Artikolu 852(1) tal-BGB fil-verżjoni qadima tiegħu, fil-fehma tiegħi ma jqajjem ebda dubju, peress li s-sitwazzjonijiet Komunitarji huma, skont l-informazzjoni mogħtija mill-qorti tar-rinviju, ittrattati bl-istess mod bħas-sitwazzjonijiet interni.

94. Fir-rigward tal-ħarsien tal-prinċipju ta' effettività, ma jidhirx b'mod ċar kif terminu ta' tliet snin jagħmel iktar diffiċli jew saħansitra impossibbli l-applikazzjoni tad-dritt iggarantit mid-dritt Komunitarju [57], billi l-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa waħda, bħala regola tippreżumi li t-termini nazzjonali ta' dekadenza u ta' preskrizzjoni huma konformi mad-dritt Komunitarju u, min-naħa l-oħra, fl-istat attwali tad-dritt Komunitarju, hija aċċettat ukoll fis-sentenza Palmisani [58] terminu ta' dekadenza ta' sena biex jiġi ppreżentat rikors għal kumpens għad-danni. L-istess jgħodd għat-termini ta' dekadenza u ta' preskrizzjoni ta' sentejn [59], tliet snin [60] jew ħames snin [61] għal rikorsi dwar restituzzjoni ta' arrikkiment indebitu.

3. Konklużjonijiet

95. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-prinċipji tad-dritt Komunitarju ta' ekwiva-

55 — Ara f'dan is-sens, preċedentement, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cosmas tat-23 ta' Jannar 1997, Palmisani (C-261/95, Ġabra p. I-4025, punt 20).

56 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cosmas fil-kawża Palmisani (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 55, punt 21) kif ukoll is-sentenza mogħtija fl-istess kawża (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 50, punt 33).

57 — Dan l-argument ġie difiż ukoll mid-duttrina. Ara b'mod partikolari Gellermann, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7), artikolu 288, punt 56; J. Hidien, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7), punt 72; P. Schwarzenegger, Staatshaftung — Gemeinschaftsrechtliche Vorgaben und ihre Ausswirkungen auf nationales Recht, Vienna 2001, punt 137; F. Ossenbühl, Staatshaftungsrecht, il-ħames edizzjoni, Munich 1998, punt 520, li lkoll jikkunsidraw li terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin ma jagħti lok għal ebda oġġezzjoni mid-dritt Komunitarju. Ara barra minn hekk id-dokument Draft Common Frame of Reference, abbozzat mill-grupp ta' studju Study Group on a European Civil Code u r-Research Group on EC Private Law (Acquis Group) li jipprevedi fil-parti III 7:201 terminu ta' preskrizjoni ta' tliet snin (ara Principles, Definitions and Model Rules of European Private Law — Draft Common Frame of Reference, Interim Outline Edition [editjat minn Christian von Bar *et* ] Munich 2008, p. 185).

58 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 50.

59 — Sentenza Camarotto u Vignone (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 53, punt 30).

60 — Sentenza Edis, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 50.

61 — Sentenzi tas-17 ta' Lulju 1997, Haahr Petroleum (C-90/94, Ġabra p. I-4085, punt 49), u Fantask (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 50, punt 49).

lenza u effettività ma jipprekludux l-applikazzjoni ta' terminu ta' tliet snin li maliskadenza tiegħu tiġi preskritta pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju.

E — *Fuq it-tielet domanda*

1. Relevanza tad-domanda

96. It-tielet domanda tal-qorti tar-rinviju tirrigwarda l-kwistjoni jekk il-preskrizzjoni ta' pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni abbażi tar-responsabbiltà tal-Istat wara traspożizzjoni ħażina ta' direttiva tiġix interrotta jew sospiża meta l-Kummissjoni tkun ressqet proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 226 KE, inkwantu ma jkunx jeżisti rimedju legali effettiv taħt id-dritt intern li jippermetti li l-Istat Membru jiġi mġiegħel jittrasponi d-direttiva.

97. Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li l-proċeduri għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 226 KE ġew ippreżentati kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fis-27 ta' Marzu 1996 u ntemmew fit-12 ta' Novembru 1998 permezz tas-sentenza li kkonstatat in-nuqqas. L-ewwel effetti dannużi ġew imġarrba mill-persuni leżi sa mill-1993, iżda kien biss f'Diċembru tal-1999 li huma ressqu azzjoni għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat. Jekk wieħed jibbaża ruħu, kif għamlet il-qorti tar-rinviju, fuq it-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin previst mill-Artikolu 852(1) tal-BGB fil-verżjoni qadima tiegħu, għall-preżentata tar-rikors għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat taħt id-dritt Ġermaniż [62] u jekk jitqies l-għarfien tal-fatti li setgħu jippermettu li jiġi ppreżentat rikors għall-kumpens għad-dannu subit, allura, skont il-qorti tar-rinviju, it-terminu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri f'xi żmien f'nofs l-1996 [63]. Għaldaqstant, m'hemmx lok li tiġi eskluża l-possibbiltà tal-preskrizzjoni tad-dritt għal dikjarazzjoni tar-

62 — B'mod konformi ma' ġurisprudenza stabbilita, l-Istati Membri għandhom, sabiex jiggarantixxu l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt Komunitarju, mhux biss iġibu d-dritt intern tagħhom konformi mad-dritt Komunitarju, iżda għandhom joħolqu wkoll sitwazzjoni li tkun suffiċjentement preċiża, ċara u trasparenti sabiex jippermettu lill-individwi li jkunu jafu bid-drittijiet kollha tagħhom u biex jeżerċitaw dawk id-drittijiet quddiem il-qrati nazzjonali [ara f'dan is-sens, fir-rigward ta' direttivi, is-sentenzi tat-28 ta' Frar 1991, Il-Kummissjoni vs L-Italja, (C-360/87, Ġabra p. I-791, punt 12), u tal-15 ta' Ġunju 1995, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, (C-220/94, Ġabra p. I-1589, punt 10). Ara wkoll is-sentenzi tat-18 ta' Jannar 2001, Il-Kummissjoni vs L-Italja, (C-162/99, Ġabra p. I-541, punti 22 sa 25), u tas-6 ta' Marzu 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, (C-478/01, Ġabra p. I-2351, punt 20)]. Kif ktibt fil-konklużjonijiet tiegħi tat-13 ta' Settembru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-319/06, Ġabra 2008, p. I-4323, punt 75), dan il-prinċipju għandu japplika *a fortiori* f'każ fejn id-dritt tal-Istat Membru inkwistjoni jimponi obbligi fuq l-individwi u jistabbilixxi pieni f'każ ta' ksur. Jiena tal-fehma li s-sitwazzjoni ġuridika għandha tkun ugwalment ċara fir-rigward tar-regoli tal-preskrizzjoni applikabbli, sabiex persuna li ssofri dannu minħabba aġir ta' Stat Membru li jmur kontra d-dritt Komunitarju tkun tista' teżerċita dritt abbażi tar-responsabbiltà tal-Istat qabel ma dak id-dritt jiġi preskritt. Il-qorti tar-rinviju tibbaża ruħha fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 852(1) tal-BGB, fil-verżjoni qadima tiegħu u tikkunsidra manifestament li huma d-dispożizzjonijiet tad-dritt Ġermaniż dwar ir-responsabbiltà tal-Istat li japplikaw għad-dritt ta' kumpens għad-danni minħabba r-responsabbiltà tal-Istat skont id-dritt Komunitarju bit-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin u mhux il-prinċipju ġurisprudenzjali li jissejjaħ "intervent analogu għal espropriazzjoni" bi preskrizzjoni ta' tletin sena. F'dan ir-rigward, il-punt 23 tad-deċiżjoni tar-rinviju jirreferi għall-opinjoni prevalenti espressa fid-duttrina. Ara wkoll G. Schulze, "Staatshaftung [Artikolu 288 KE, Artikolu 839 BGB]", Zivilrecht unter europäischem Einfluss [editjat minn Martin Gebauer/Thomas Wiedmann], Stuttgart 2005, Kapitolu 16, punt 29, p. 649 li jibbaża ruħu fuq l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà kolpuża tal-amministrazzjoni.

63 — Ara d-deċiżjoni tar-rinviju tat-12 ta' Ottubru 2006, punti 33 u 42. Il-qorti tar-rinviju tibbaża r-raġunament tagħha fuq il-ġurisprudenza tal-qrati superjuri Ġermaniżi dwar il-kalkolu tat-terminu ta' preskrizzjoni għall-azzjonijiet għad-danni kif ukoll fuq l-opinjoni prevalenti espressa fid-duttrina. Il-qorti tar-rinviju tibbaża ruħha fuq il-fatt li seta' jiġi mistenni raġonevolment mir-rikorrent li jippreżenta rikors għad-danni matul is-sena 1996 u li għaldaqstant, it-terminu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri minn dak il-mument. Minn naħa waħda, hija tibbaża ruħha fuq il-fatt li l-persuna leża kienet taf b'dak id-dannu (punt 34) iżda wkoll fuq il-fatt li kien hemm għadd ta' atti ripetuti u mhux att kontinwu (punt 42).

responsabbiltà tal-Istat. F'dan ir-rigward, huwa rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali li jiġi stabbilit jekk il-preżentata ta' rikors mill-Kummissjoni għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kellhiex effetti fuq it-terminu ta' preskrizzjoni.

2. Il-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu bħala mekkaniżmu ta' stħarriġ oġġettiv tal-legalità

98. Fl-ewwel lok għandu jiġi mfakkar li skont is-sentenza Brasserie du Pêcheur [64] il-ħolqien ta' pretensjoni ta' dritt għal kumpens għaddanni abbażi tar-responsabbiltà ta' Stat Membru ma jistax ikun suġġett għall-fatt li tkun ingħatat sentenza dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 226 KE fir-rigward ta' dak il-ksur.

99. Barra minn hekk, fil-fehma tiegħi, il-funzjoni speċifika tal-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma tippermettix li dawk il-proċeduri jkollhom effett ta' sospensjoni jew interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni tad-dritt għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà. Effettivament, għall-kuntrarju tal-proċeduri li jeżistu fid-dritt intern, il-proċeduri għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 226 KE mhumiex intiżi biex jipproteġu l-interessi individwali iżda jikkostitwixxu pjuttost proċeduri ta' stħarriġ oġġettiv tal-legalità [65], li jippermettu lill-Kummissjoni biex tintervjeni fl-interess ġenerali tal-Komunità kontra l-ksur tad-dritt Komunitarju mill-Istati Membri mingħajr ma jkun meħtieġ ksur tad-drittijiet tagħha jew tad-drittijiet tal-Unjoni [66].

100. Għaldaqstant, meta jitqies ir-rwol tagħha bħala għassiesa tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha kompetenza esklużiva biex tevalwa jekk huwiex opportun li jinfetħu proċeduri biex jiġi kkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u biex jiġu ddeterminati l-aġir jew l-omissjonijiet imputabbli lill-Istat Membru kkonċernat [67]. Din is-setgħa ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni teskludi li l-individwi jkollhom id-dritt li jeżiġu minnha li tieħu pożizzjoni partikolari. Preċiżament, individwu ma jistax jeżiġi li jiġu ppreżentati proċeduri abbażi tal-Artikolu 226 KE u lanqas li jiġi ppreżentat rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Rikors għal annullament abbażi tarraba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE kontra rifjut mill-Kummissjoni li taġixxi huwa eskluż ukoll [68].

64 — Sentenza Brasserie du Pêcheur u Factortame (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 54).

65 — W. Cremer, f'Calliess/Ruffert, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18), artikolu 226, punt 2, p. 1979 jitkellem dwar "proċedura ta' stħarriġ oġġettiv tal-legalità". K. Lenaerts, "The rule of law and the coherence of the judicial system of the European Union", Common Market Law Review, 2007, is-sitt ktieb, p. 1636 ifakkar li l-iskop tal-proċedura għan-nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu abbażi tal-Artikolu 226 KE hu li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata l-ksur tad-dritt Komunitarju minn Stat Membru. Ġustament, l-objettiv ta' protezzjoni tal-interessi individwali ma jissemmiex bħala għan ta' din il-proċedura.

66 — Sentenzi tal-4 ta' April 1974, Il-Kummissjoni vs Franza (167/73, Ġabra p. 359, punt 15); tal-10 ta' Mejju 1995, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-422/92, Ġabra p. I-1097, punt 16), u tal-11 ta' Awwissu 1995, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-431/92, Ġabra p. I-2189, punt 21). Ara f'dan il-kuntest il-konklużjonijiet tiegħi tat-28 ta' Marzu 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-503/07, Ġabra p. I-6153, punt 55). Din hija r-raġuni għalfejn, skont ġurisprudenza stabbilita [sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, (C-33/04, Ġabra p. I-10629, punt 65); tal-1 ta' Frar 2001, Il-Kummissjoni vs Franza, (C-333/99, Ġabra p. I-1025, punt 23); tat-2 ta' Ġunju 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, (C-394/02, Ġabra p. I-4713, punti 14 u 15), u tal-10 ta' April 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, (C-20/01 u C-28/01, Ġabra p. I-3609, punt 29)], il-Kummissjoni, fil-kuntest tal-kompetenzi li hija għandha taħt l-Artikolu 226 KE m'għandhiex għalfejn turi l-eżistenza ta' interess ġuridiku. Fil-fatt, il-missjoni tagħha hi li tissorvelja, *ex ufficio* fl-interess ġenerali, l-applikazzjoni mill-Istati Membri tad-dritt Komunitarju u li tikkonstata, bil-għan li twaqqafhom, l-eżistenza ta' nuqqasijiet fit-twettiq tal-obbligi riżultanti.

67 — Sentenza tal-11 ta' Awwissu 1965 Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 66, punt 22).

68 — Sentenzi tal-14 ta' Frar 1989, Star Fruit vs Il-Kummissjoni (247/87, Ġabra p. 291, punt 11); tas-17 ta' Mejju 1990, Société nationale interprofessionnelle de la tomate *et* vs Il-Kummissjoni (C-87/89, Ġabra p. I-1981, punt 6), u s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-9 ta' Jannar 1996, Koelman vs Il-Kummissjoni (T-575/93, Ġabra p. II-1, punt 71).

101. L-impossibbiltà li għandhom l-individwi li jimponu legalment il-ftuħ ta' proċeduri għall-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kif ukoll l-inċertezza li tirriżulta minn dan fir-rigward tal-eżistenza ta' tali rikors u d-data tiegħu jipprekludu, fil-fehma tiegħi, li s-sospensjoni u/jew l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni jintrabtu mal-preżentata ta' rikors mill-Kummissjoni għall-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu peress li l-funzjoni tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni li hija rikonoxxuta mal-introduzzjoni ta' rikors hija preċiżament sabiex il-kreditur ma jitlifx id-drittijiet sempliċement bl-iskadenza taż-żmien meta huwa jkun eżerċita dawk id-drittijiet permezz ta' ġudizzjarju [69]. Dan madankollu jippresupponi li l-krediturijeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv. Madankollu, l-introduzzjoni ta' rikors mill-Kummissjoni għall-konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma tikkostitwixxix "rimedju ġudizzjarju" *stricto sensu,* peress li, kif diġà spjegajt iktar 'il fuq, din mhijiex intiża biex tiżgura l-protezzjoni tal-interessi individwali u għaldaqstant, ma narax ir-raġuni għalfejn din għandha titqies li tinterrompi jew tissospendi l-preskrizzjoni.

3. Nuqqas ta' ħtieġa li jingħata trattament privileġġat lid-dritt għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat

102. Fil-fehma tiegħi huwa irrilevanti jekk, kif ippreċiżat il-qorti tar-rinviju f'dan il-kuntest, jeżistix rimedju effettiv taħt id-dritt intern li jippermetti direttament — u b'hekk mhux permezz ta' kawża għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat — li jiġi eliminat il-ksur li jirriżulta mir-responsabbiltà ta' dan tal-aħħar.

103. F'dan il-kuntest, effettivament għandu jitqies il-fatt li l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività jipprojbixxu li sitwazzjonijiet irregolati mid-dritt Komunitarju jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli. Madankollu, dawn ma jeħtiġux trattament favorevoli meta mqabbla ma' sitwazzjonijiet nazzjonali. Madankollu, jekk jiġi rikonoxxut li proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandhom l-istess effettivi ġuridiċi bħal proċeduri nazzjonali, dan iwassal għal trattament iktar favorevoli minħabba s-sospensjonijiet u/jew interruzzjonijiet tal-preskrizzjonijiet riżultanti.

4. Konklużjonijiet

104. Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda hi li la l-prinċipji tad-dritt Komunitarju relattivi għar-responsabbiltà tal-Istati Membri u lanqas l-Artikolu 226 KE ma jeħtieġu li l-preskrizzjoni ta' pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni abbażi tar-responsabbiltà tal-Istat prevista fid-dritt intern tiġi interrotta bil-ftuħ ta' proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 226 KE jew li tiġi sospiża sat-tmiem ta' dawk il-proċeduri.

69 — Skont H. Palandt/Heinrichs, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 52), artikolu 204, punt 1 u l-kummentarju fil-ġenb tal-artikolu 194, punt 10, meta jitqies l-iskop tal-preskrizzjoni, il-krediturigħandu jkollhom il-possibbiltà li jipprevjenu l-preskrizzjoni billi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Jekk huma jħallu dik l-opportunità tgħaddi, it-telf riżultanti tad-dritt huwa ġġustifikat minħabba l-preskrizzjoni.

F — *Fuq ir-raba' domanda*

1. Rimarki introduttorji

105. Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk it-terminu ta' preskrizzjoni ta' pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju li hija bbażata fuq it-traspożizzjoni ħażina ta' direttiva jibdiex jiddekorri, indipendentement mid-dritt nazzjonali applikabbli, biss mill-mument meta sseħħ it-traspożizzjoni sħiħa ta' dik id-direttiva jew jekk, b'mod konformi mad-dritt nazzjonali, dak it-terminu ta' preskrizzjoni jistax jibda jiddekorri minn meta l-ewwel konsegwenzi dannużi jkunu diġà seħħu u konsegwenzi dannużi ulterjuri jkunu prevedibbli. F'każ li t-traspożizzjoni sħiħa għandha effett fuq il-bidu tal-preskrizzjoni, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk din hijiex regola ġenerali jew jekk dan japplikax biss meta d-direttiva tagħti dritt lill-individwu.

106. Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti dwar id-determinazzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni, id-dritt intern ikun applikabbli, iżda jridu jiġu kkunsidrati kemm il-prinċipju ta' ekwivalenza kif ukoll il-prinċipju ta' effettività. Fid-deċiżjoni tar-rinviju xejn ma jindika li taħt id-dritt Ġermaniż, il-pretensjonijiet ta' dritt għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju huma ttrattati b'mod differenti mill-aspett proċedurali meta mqabbla ma' rikorsi għal kumpens għad-danni korrispondenti li jikkonċernaw biss id-dritt intern. B'hekk, l-eżami tal-każ konkret jaqa' taħt il-kompetenza tal-qorti tar-rinviju.

107. Għaldaqstant, fil-kuntest tar-raba' domanda, għandhom jiġu eżaminati prinċipalment ir-rekwiżiti tal-prinċipju ta' effettività. B'mod partikolari għandu jiġi evalwat jekk, fin-nuqqas li l-bidu tat-terminu ta' preskrizzjoni jiġi ddeterminat fid-data tat-traspożizzjoni sħiħa ta' direttiva fid-dritt intern, l-eżerċitar tad-drittijiet individwali mogħtija mid-dritt Komunitarju huwiex reż prattikament impossibbli jew eċċezzjonalment diffiċli.

108. Huwa ċar li bl-eċċezzjoni tar-rikorrenti, ebda parti ma tiddefendi dan il-argument. Għall-kuntrarju, l-opinjoni predominanti hi li d-dritt Komunitarju ma jistax jobbliga lil Stat Membru jirregola l-modalitajiet tat-terminu ta' preskrizzjoni b'tali mod li dan jibda jiddekorri biss minn meta ssir it-traspożizzjoni sħiħa ta' direttiva fid-dritt intern. Jiena naqbel ukoll ma' dan l-argument meta titqies il-ġurisprudenza attwali tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll meta jsir tqabbil mar-regola ta' preskrizzjoni prevista fl-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

2. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

109. Fil-kuntest ta' azzjonijiet għar-rimbors ta' taxxi miġbura bi ksur ta' direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li termini nazzjonali ta' dekadenza li jibdew jiddekorru qabel it-traspożizzjoni korretta tad-direttiva inkwistjoni huma konformi mad-dritt Komunitarju [70].

110. Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza tagħha Emmott [71] li, sal-mument tat-traspożizzjoni korretta tad-direttiva, l-Istat Membru inadempjenti ma jistax jeċċepixxi t-tardività ta' azzjoni ġudizzjarja ppreżentata kontra tiegħu minn individwu għall-finijiet tal-protezzjoni tad-drittijiet mogħtija lilu mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-direttiva, u li terminu għall-preżentata tar-rikors taħt id-dritt nazzjonali jista' jibda jiddekorri biss minn dak il-mument 'il quddiem.

111. Madankollu, jirriżulta mill-ġurisprudenza iktar reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja [72], li s-soluzzjoni stabbilita fis-sentenza Emmott kienet iġġustifikata minn ċirkustanzi li kienu partikolari għal dik il-kawża, fis-sens li t-terminu ta' dekadenza kien iwassal biex ir-rikorrenti titlef għal kollox id-dritt tagħha għal trattament ugwali taħt direttiva Komunitarja.

112. Barra minn hekk, ma jirriżultax mill-atti tal-kawża li l-aġir tal-awtoritajiet Ġermaniżi b'rabta mat-terminu ta' preskrizzjoni inkwistjoni tal-Artikolu 852(1) tal-BGB fil-verżjoni qadima tiegħu, kif emendat, kellu l-istess effett f'din il-kawża bħal fil-kawża Emmott li r-rikorrenti tiġi mċaħħda kompletament mill-possibbiltà li teżerċita d-drittijiet tagħha quddiem il-qrati nazzjonali.

70 — Ara pereżempju s-sentenza tal-15 ta' Settembru 1998, Spac (C-260/96, Ġabra p. I-4997, punt 32), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, id-dritt Komunitarju ma jipprojbixxix li Stat Membru jeċċepixxi terminu ta' dekadenza f'kawżi għar-rimbors ta' taxxi miġbura bi ksur ta' direttiva, liema terminu jibda jiddekorri mid-data tal-ħlas tat-taxxi inkwistjoni, minkejja li f'dik id-data d-direttiva ma kinitx għadha ġiet trasposta b'mod korrett fid-dritt nazzjonali" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

71 — Sentenza tal-25 ta' Lulju 1991 (C-208/90, Ġabra p. I-4269, punti 21 sa 24). Dik is-sentenza kienet immotivata mill-fatt li l-individwi ma kinux tpoġġew f'pożizzjoni li setgħu jafu bid-drittijiet kollha tagħhom, sakemm id-direttiva kienet għadha ma ġietx trasposta korrettament fid-dritt nazzjonali. Għaldaqstant, huwa biss malli d-direttiva tiġi trasposta korrettament li jintemm dak l-istat ta' inċertezza. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li terminu biex jiġi ppreżentat rikors taħt id-dritt nazzjonali ma jistax jibda jiddekorri ħlief minn dak il-mument.

72 — Sentenzi tal-15 ta' Settembru 1998, Ansaldo Energia *et* (C-279/96, C-280/96 u C-281/96, Ġabra p. I-5025, punti 19 sa 21); Spac (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 70, punti 27 sa 32), Fantask (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 50, punti 50 sa 52); Texaco u Olieselskabet Danmark (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 50, punt 48); Haahr Patroleum (C-90/94, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 61, punt 52); tas-6 ta' Diċembru 1994, Johnson (C-410/92, Ġabra p. I-5483, punt 26), u tas-27 ta' Ottubru 1993, Steenhorst-Neerings (C-338/91, Ġabra p. I-5475, punt 19).

3. Tqabbil mar-regola ta' preskrizzjoni tal-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja

113. Il-fatt li t-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjonijiet għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat jibda jiddekorri anki qabel it-traspożizzjoni korretta tad-Direttiva inkwistjoni u ma jmurx kontra l-prinċipju ta' effettività huwa ssostanzjat ukoll mill-prinċipji dwar il-limitazzjoni fiż-żmien tal-azzjonijiet għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità abbażi tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 288 KE [73].

114. Effettivament, huwa rikonoxxut fil-ġurisprudenza tal-qrati Komunitarji li t-terminu ta' preskrizzjoni tal-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jibdiex jiddekorri qabel ma jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li għalihom ikun suġġett l-obbligu ta' kumpens għad-danni u, b'mod partikolari, — fil-każijiet fejn ir-responsabbiltà tkun ibbażata fuq att leġiżlattiv — il-kundizzjoni li l-effetti dannużi ta' dak l-att ikunu

għadhom ma seħħewx [74]. Din il-ġurisprudenza tieħu bħala punt ta' referenza l-mument meta r-rikorrent seta' jsir jaf bil-fatt li ta lok għad-dannu [75].

115. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, ma jistax jingħad li jekk id-data minn meta tibda tiddekorri l-preskrizzjoni tiġi stabbilita għal mument li jippreċedi t-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva, dan jagħmel diffiċli jew prattikament impossibbli l-eżerċitar tad-dritt għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat. B'hekk, fl-istat attwali tad-dritt Komunitarju, dan ma jeħtieġx li wieħed jibbaża ruħu fuq il-mument tat-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva. Għall-kuntrarju, huwa d-dritt nazzjonali li għandu jiddetermina l-mument preċiż minn meta jibda jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni [76].

73 — Jidhrili li huwa leġittimu li l-prinċipji tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali jitqiesu wkoll b'konnessjoni mad-determinazzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni, inkwantu l-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq dawn il-prinċipji biex tifformula l-kunċett ġuridiku tar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju (ara K Lenaerts,./ D. Arts, / I. Mselis,, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7). Kemm ir-responsabbiltà tal-Komunità kif ukoll ir-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju huma stabbiliti mill-ġurisprudenza u jew żviluppati b'mod parallel mill-Qorti tal-Ġustizzja. B'hekk, minn dan il-paralleliżmu funzjonali taż-żewġ sistemi ta' rregolar tar-responsabbiltà, tirriżulta neċessarjament konkordanza tal-valuri, bla ħsara għall-kompetenzi tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni fid-dritt intern dwar ir-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju. Għaldaqstant, fil-proċess tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet fattwali, dan wassal għal influwenza reċiproka fl-orjentazzjonijiet tal-ġurisprudenza (ara wkoll G. Schulze, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 62, kapitolu 16, punti 2 u 3, p. 638).

74 — Ara s-sentenzi tas-27 ta' Jannar 1982, Birra Wührer *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (256/80, 257/80, 265/80, 267/80 u 5/81, Ġabra p. 85, punt 10), li skonthom it-terminu ta' preskrizzjoni tal-azzjoni għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Komunità ma jistax jibda jiddekorri qabel ma jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li għalihom huwa subordinat l-obbligu ta' kumpens għad-danni u, b'mod partikolari, qabel ma jkun immaterjalizza d-dannu li għandu jiġi riżarċit, kif ukoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-16 ta' April 1997, Hartmann vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-20/94, Ġabra p. II-595, punt 107); tad-9 ta' Diċembru 1997, Quiller u Heusmann (T-195/94 u T-202/94, Ġabra p. II-2247, punt 114). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston tat-22 ta' Novembru 2007, Il-Kummissjoni vs Cantina sociale di Dolianova (C-51/05 P, Ġabra 2008, p. I-5341, punt 94). Skont H.-W. Rengeling,./ A. Middeke, / M. Gellermann,, Handlbuch des Rechtsschutzes inder Europäischen Union, Munich 2003, artikolu 9, punt 57, p. 202, it-terminu ta' preskrizzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali jibda jiddekorri biss meta jkunu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li fuqhom jiddependi l-obbligu ta' kumpens għad-danni u b'mod partikolari li d-dannu jkun immaterjalizza. Skont dawn l-awturi, wieħed għandu jibbaża ruħu fuq il-mument meta r-rikorrent seta' jsir jaf bil-fatt li ta lok għad-dannu.

75 — Sentenza tas-7 ta' Novembru 1985, Adams (145/83, Ġabra p. 3539, punti 50 u 51).

76 — F'dan is-sens, ara wkoll P. Schwarzenegger, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 57), p. 137, li jgħid li d-determinazzjoni tal-bidu tal-preskrizzjoni taqa' taħt il-kompetenza tad-dritt nazzjonali.

116. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, mhuwiex neċessarju li tingħata risposta għat-tieni parti tad-domanda.

4. Konklużjonijiet

117. Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għar-raba' domanda hi li d-dritt Komunitarju, fl-istat attwali tiegħu, ma jeħtieġx fi kwalunkwe każ li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju li tkun ibbażata fuq traspożizzjoni ħażina ta' direttiva, pretensjoni li toriġina minn projbizzjoni (*de facto*) fuq l-importazzjoni, jibda jiddekorri biss mill-mument meta sseħħ it-traspożizzjoni sħiħa ta' dik id-direttiva.

G — *Fuq il-ħames domanda*

1. L-eżistenza ta' obbligu tal-persuna kkonċernata li tipprevjeni d-dannu

118. Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi fl-ewwel lok jekk id-drittijiet invokati mir-rikorrenti abbażi tal-Artikolu 839(3) tal-BGB jistgħux jiġu esklużi minħabba li r-rikorrenti naqset, intenzjonalment jew b'negliġenza li tipprevjeni li d-dannu jseħħ billi tuża rimedju legali u jekk l-applikazzjoni eventwali ta' dik id-dispożizzjoni tmurx kontra l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

119. Kif ikkjarifikat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi Brasserie du Pêcheur u Factortame [77], sabiex jiġi ddeterminat id-dannu li għandu jiġi kkumpensat, il-qorti nazzjonali tista' tivverifika jekk il-persuna leża tatx prova ta' diliġenza raġonevoli biex tevita d-dannu jew biex tillimita l-portata tiegħu u jekk, b'mod partikolari, hija użatx fil-ħin ir-rimedji legali kollha għad-dispożizzjoni tagħha.

120. B'referenza għas-sentenza Mulder *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja barra minn hekk ikkonstatat li skont prinċipju ġenerali komuni għas-sistemi legali tal-Istati Membri, il-persuna leża, biex tevita r-riskju li jkollha ssofri hija stess id-dannu, għandha tagħti

77 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 84.

prova ta' diliġenza raġonevoli biex tillimita l-portata tad-dannu [78].

121. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi li biex tiġi evalwata pretensjoni ta' kumpens għad-danni abbażi tar-responsabbiltà tal-Istat, jista' jkun meħtieġ li titqies il-kwistjoni jekk il-persuna leża tatx prova ta' diliġenza raġonevoli biex tevita d-dannu jew biex tillimita l-portata tiegħu u jekk, b'mod partikolari hija użatx fi żmien raġonevoli r-rimedji legali kollha li kellha għad-dispożizzjoni tagħha. Kif enfasizzat korrettament il-qorti tar-rinviju fil-punt 49 tad-deċiżjoni tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja barra minn hekk indikat mhux biss illi d-dritt għal kumpens għad-danni jista' jiġi mmitigat minħabba l-ħtija konkomitanti tal-persuna leża, iżda wkoll ir-riskju ta' telf totali ta' dak id-dritt.

122. Madankollu, din il-ġurisprudenza f'ebda każ ma' tippermetti li wieħed bilfors jikkonkludi li n-negliġenza tal-persuna leża li tirrikorri għall-protezzjoni ġudizzjarja tad-dritt primarju kontra l-ksur mill-Istat għandu jkollha b'mod ġenerali l-istess effett estintiv tad-drittijiet bħal dak tad-dritt Ġermaniż. Għall-kuntrarju, għandu jitqies li dik il-possibbiltà għandha tiġi kkunsidrata biss b'mod eċċezzjonali iżda li bħala regola ġenerali, ksur kolpuż tal-obbligu ta' prevenzjoni tad-dannu jwassal sempliċement għal mitigazzjoni tad-dritt għal kumpens għad-danni [79].

123. Dan l-argument huwa appoġġat mill-fatt li obbligu li jitnaqqas id-dannu ġie rikonoxxut ukoll fil-kuntest tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità abbażi tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 288 KE u li n-nuqqas ta' ħarsien ta' dak l-obbligu jwassal għat-tnaqqis jew saħansitra għall-esklużjoni totali tal-kumpens skont il-livell tal-ħtija kontributorja [80].

124. Bħala regola, xejn ma jipprekludi l-effettività tal-eżerċitar tal-azzjonijiet għal dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istat, sakemm jitqiesu dawn il-prinċipji tad-dritt Komunitarju matul l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt intern u minbarra t-telf totali tad-dritt għal kumpens għad-danni, ikun permess ukoll li jintalab tnaqqis tiegħu. Fir-rigward tal-prinċipju ta' ekwivalenza, xejn ma jipprekludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 839(3)

78 — *Ibid.*, punt 85 fejn hemm referenza għas-sentenza tad-19 ta' Mejju 1992, Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-104/89 u C-37/90, Ġabra p. I-3061, punt 33).

79 — F'dan is-sens, ara A. Hatje,; "Die Haftung der Mitgliedstaaten bei Verstößen des Gesetzgebers gegen europäisches Gemeinschaftsrecht", Europarecht, it-tielet ktieb, 1997, p. 305 li jikkunsidra minn perspettiva dogmatika li l-omissjonijiet tar-rikorrent fil-livell tal-protezzjoni ġudizzjarja tad-dritt primarju sabiex jiddefendi ruħu kontra d-dannu kkawżat lilu mill-Istat m'għandhomx effetti estintivi fuq id-drittijiet tiegħu iżda jistgħu jaffettwaw biss il-portata tad-dritt tiegħu għal kumpens għad-danni. F'dan l-istess sens, ara S, Beljin, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 33), p. 67 li mhuwiex tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti l-istess piż lin-nuqqas tal-individwu daqskemm jagħti d-dritt Ġermaniż. Dan l-awtur jikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja tibbaża ruħha fuq prinċipju tad-dritt Komunitarju li għandu kontenut ta' dritt Komunitarju b'mod li r-regoli kollha previsti fl-Artikoli 254 u 839(3) tal-BGB huma applikabbli biss sa fejn ikunu konformi mal-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju.

80 — Ara s-sentenza Adams (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 75, punt 53). H.-W. Rengeling, / A. Middeke, / M. Gellermann, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 74), artikolu 9, punti 55 u 56, p. 201.

tal-BGB peress li anki l-pretensjonijiet ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat skont id-dritt intern huma suġġetti għas-supremazija tal-protezzjoni ġudizzjarja tad-dritt primarju.

125. Għaldaqstant, id-dritt Komunitarju bħala regola ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 838 (3) tal-BGB li jipprevedi esklużjoni tar-responsabbiltà f'każ ta' inosservanza kolpuża tal-protezzjoni ġudizzjarja tad-dritt primarju [81].

2. Ir-raġonevolezza tal-fatt li jittieħdu passi għall-protezzjoni ġudizzjarja tad-dritt primarju

126. L-eżami tas-sentenza Metallgesellschaft [82] ma jippermettix li wieħed jasal għal konklużjoni oħra peress li tikkunsidra biss iċ-ċirkustanzi partikolari ta' dik il-kawża; permezz ta' dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment ippreċiżat il-ġurisprudenza tagħha fis-sens li wieħed ma jistax jeħtieġ li l-persuna kkonċernata tuża rimedji legali li ma jkunux utli għall-pretensjoni tagħha.

127. Fil-fehma tiegħi, is-sentenza Metallgesellschaft tikkompleta s-sentenza Brasserie du Pêcheur u Factortame fis-sens li tinkorpora l-element dwar "ir-raġonevolezza tal-fatt li jittieħdu passi għall-protezzjoni ġudizzjarja tad-dritt primarju". F'dan ir-rigward, din tirrifletti korrettament l-argument tal-Gvern Ġermaniż [83] u ta' dak Ċek [84] kif ukoll tar-rikorrenti [85] skont liema, fl-interess tal-effettività, wieħed ma jistax jeżiġi li l-persuni leżi jeżerċitaw ir-rimedji legali kollha disponibbli, kemm jekk dan l-eżerċizzju jirriżulta li jkun utli fiċ-ċirkustanzi tal-kawża u kemm jekk le.

81 — Ara wkoll Gellermann, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7), artikolu 288, punt 54. W. Berg., (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15), artikolu 288, punt 93, p. 2308 jikkunsidra li f'każ ta' applikazzjoni diretta tar-regoli tad-dritt Komunitarju, il-persuna kkonċernata għandha dejjem tipprova l-ewwel nett tikseb permezz ta' mezz ġudizzjarju l-implementazzjoni ta' dawk ir-regoli meta l-awtorità eżekuttiva tirrifjuta li tirrikonoxxi d-drittijiet tagħha. Huwa biss jekk ma jirnexxilhiex tikseb dak illi jkun possibbli li teżerċita drittijiet għad-danni. Bħala regola, il-prijorità tal-protezzjoni tad-dritt primarju tgħodd ukoll għall-azzjonijiet dwar responsabbiltà minħabba negliġenza fl-aġir tal-leġiżlatur. Skont H.-J. Papier, "Staatshaftung bei der Verletzung von Gemeinschaftsrecht", *Handbuch zum europäischen und deutschen Umweltrecht, volum 1, Allgemeines Umweltrecht*, Cologne 1998, punt 44, p. 1470, xejn ma jimmilita li l-prinċipju ta' prijorità tal-protezzjoni tad-dritt primarju espress fl-Artikolu 839(3) tal-BGB ma jistax ikun applikabbli f'każ ta' ksur tad-dritt Komunitarju li jmur kontra d-dritt amministrattiv intern. Il-kunċett ta' responsabbiltà żviluppat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jħalli lill-Istati Membri s-setgħa li jtemmu l-konsegwenzi tal-ksur tad-dritt Komunitarju li jkunu imputabbli lilhom, u dan permezz tad-dritt intern dwar ir-responsabbiltà. Skont T. Von Danwitz,, "Die Eigenverantwortung der Mitgliedstaaten für die Durchführung von Gemeinschaftsrecht — Zu den europarechtlichen Vorgaben für das nationale Verwaltungs- und Gerichtsverfahrensrecht", *Deutsches Verwaltungsblatt*, 1998, p. 425, nota 40, il-limitazzjonijiet tar-responsabbiltà fil-forma ta' obbligu ta' prevenzjoni jew mitigazzjoni tad-dannu għandhom jibqgħu leċiti. Huwa jirreferi f'dan ir-rigward għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tesauro tat-28 ta' Novembru 1995 fil-kawża Brasserie du Pêcheur u Factortame (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9), u b'mod iktar partikolari għall-punt 104 tagħhom fejn issir referenza espliċita għall-Artikolu 838(3) tal-BGB. C. Dörr,, "Der gemeinschaftsrechtliche Staatshaftungsanspruch inder Rechtsprechung des Bundesgerichtshofs", *Deutsches Verwaltungsblatt*, 2006, p. 603, jenfasizza li t-tielet awla ċivili tal-Bundesgerichtshof ma opponietx *a priori* li tapplika għar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju l-argumenti tal-korresponsabbiltà u tan-neċessità li jiġi pprevenut dannu eventwali billi jiġu eżerċitati rimedji legali, argumenti li fuqhom huma bbażati l-Artikoli 254 u 839(3) tal-BGB.

82 — Fis-sentenza tat-8 ta' Marzu 2001, Metallgesellschaft *et* (C-397/98 u C-410/98, Ġabra p. I-1727, punt 106), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-eżerċitar tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju li huma direttament applikabbli jsir impossibbli jew eċċessivament diffiċli jekk it-talbiet tagħhom għal restituzzjoni jew kumpens għad-danni ibbażati fuq ksur tad-dritt Komunitarju kellhom jiġu miċħuda jew imnaqqsa għas-sempliċi raġuni li l-individwi ma jkunux talbu li jibbenefikaw mill-vantaġġ ġuridiku miċħud lilhom mil-liġi nazzjonali, bil-għan li jikkontestaw ir-rifjut tal-Istat Membru permezz tar-rimedji legali previsti f'dan ir-rigward, billi jinvokaw is-supremazija u l-effett dirett tad-dritt Komunitarju. Din il-konklużjoni hija spjegata mill-fatt li f'dik il-kawża, l-użu ta' rimedju legali alternattiv ma kienx ser jippermetti lir-rikorrent fil-kawża prinċipali li jipprevjeni jew jillimita d-dannu.

83 — Nota ta' osservazzjonijiet tal-Gvern Ġermaniż, punt 185.

84 — Nota ta' osservazzjonijiet tal-Gvern Ċek, punt 38.

85 — Nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti, punt 275.

3. Ir-raġonevolezza tal-fatt li jittieħdu passi għall-protezzjoni ġudizzjarja tad-dritt primarju f'każ ta' ħtieġa li ssir domanda preliminari jew f'każ ta' proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 226 KE jkunu jinsabu pendenti.

128. Il-kwistjoni supplimentari dwar jekk il-fatt li jittieħdu passi għall-protezzjoni ġudizzjarja tad-dritt primarju huwiex raġonevoli meta l-qorti li quddiemha tkun tinsab il-kawża aktarx ma tkunx tista' tirrispondi għall-kwistjonijiet tad-dritt Komunitarju inkwistjoni fil-kawża mingħajr ma tagħmel rinviju preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja jew jekk diġà jkunu tressqu proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 226 KE, għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq fir-rigward tat-tielet domanda.

130. Jeħtieġ li ssir evalwazzjoni kkwalifikata fl-ipoteżi li jittieħdu passi għall-protezzjoni ġudizzjarja tad-dritt primarju meta l-qorti nazzjonali tirrinvija domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja abbażi tal-Artikolu 234 KE. F'dak il-każ, tqum il-kwistjoni tal-pertinenza tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari b'mod ġenerali fil-kuntest tal-proċeduri quddiem il-qorti nazzjonali li jkollhom l-iskop li jipprovdu protezzjoni ġudizzjarja tad-dritt primarju. Madankollu, l-effettività ta' dan ir-rimedju legali effettivament ma titnaqqasx mill-fatt li l-qorti nazzjonali tista' tirrinvija domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Jiena nemmen li huwa pjuttost bil-kontra. Effettivament il-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 234 KE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tagħha din tal-ewwel tipprovdi lil dawn tal-aħħar b'elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li huma jkunu jeħtieġu sabiex ikunu jistgħu jaqtgħu l-kawża li jkollhom quddiemhom [88].

129. Kif diġà osservajt [86], proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 226 KE ma jistgħux jitqiesu bħala "protezzjoni ġudizzjarja" *stricto sensu*, minħabba l-funzjoni speċifika tagħhom bħala mekkaniżmu ta' stharriġ oġġettiv tal-legalità fl-interess ġenerali [87]. Għaldaqstant, la t-tressiq ta' ilment lill-Kummissjoni, u lanqas il-preżentata ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma jistgħu jissostitwixxu l-protezzjoni ġudizzjarja tad-dritt primarju. B'hekk, ma jistax jingħad li mhuwiex raġonevoli li wieħed jirrikorri għal protezzjoni ġudizzjarja tad-dritt primarju meta proċeduri għal

131. Ma' dan għandu jingħad li l-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari għandha, minbarra l-funzjoni ta' ħarsien tal-unità tad-dritt, importanza primordjali għall-protezzjoni ġudizzjarja individwali, peress li din tiggarantixxi l-effettività tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dritt Komunitarju [89]. Il-prinċipji strutturali fundamentali tas-

86 — Ara l-punti 98 sa 101 iktar 'il fuq.

87 — M. Preiß-Jankowski, "Die gemeinschaftsrechtliche Staatshaftung im Lichte des Bonner Grundgesetzes und des Subsidiaritätsprinzips", *Juristische Schriftenreihe*, volum 94, Bremen 1997, p. 88 jenfasizza li l-effettività tal-protezzjoni ġudizzjarja taċ-ċittadin teżiġi wkoll li tiġi rrinunzjata sentenza espliċita dwar in-nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu. Effettivament, fl-ewwel lok, l-individwu m'għandux kontroll fuq il-ftuħ ta' tali proċedura u fit-tieni lok, din id-dewwem b'mod konsiderevoli r-rikors għal kumpens għad-danni.

88 — Ara b'mod partikolari s-sentenzi tas-16 ta' Lulju 1992, Meilicke (C-83/91, Ġabra p. I-4871, punt 22), u tal-5 ta' Frar 2004, Schneider (C-380/01, Ġabra p. I-1389, punt 20).

89 — B. Wegener, f'Callies/Ruffert, (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7), Artikolu 234, punt 1.

supremazija u tal-effett dirett tad-dritt Komunitarju kif ukoll tar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġew żviluppati permezz ta' rinviji għal deċiżjoni preliminari mill-qrati nazzjonali. Taħt din il-perspettiva, naqbel mal-argument tal-Gvern Pollakk u ta' dak Ċek li l-probabbiltà li tiġi rrinvijata domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tikkostitwixxi fiha nfisha raġuni suffiċjenti biex jiġi konkluż li mhuwiex raġonevoli li jiġi eżerċit rimedju legali.

## VII — Konklużjoni

132. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi b'dan il-mod:

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5(1)(o) u 6(1)(b)(iii) tad-Direttiva 64/443 fil-verżjoni kif emendata bid-Direttiva 91/497 u tal-Artikoli 5(1), 7 u 8 tad-Direttiva 89/662, meħuda flimkien, ma jpoġġux lill-produtturi u l-operaturi li jbiegħu l-laħam tal-majjal, f'każ ta' traspożizzjoni jew applikazzjoni ħażina, f'pożizzjoni ġuridika li tista' tagħti lok għal pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju.

2. Il-produtturi Daniżi tal-laħam tal-majjal u l-operaturi Daniżi li jbiegħuh jistgħu jinvokaw ksur tal-moviment liberu tal-merkanzija abbażi tal-Artikolu 28 KE biex jissostanzjaw pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju. Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina jekk ksur tad-dispożizzjonijiet tad-direttivi li ma jagħtux drittijiet suġġettivi jwassalx għal ksur tad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jkollhom aċċess għas-suq skont l-Artikolu 28 KE.

3. La l-prinċipji tad-dritt Komunitarju relattivi għar-responsabbiltà tal-Istati Membri u lanqas l-Artikolu 226 KE ma jeħtieġu li l-preskrizzjoni ta' pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni abbażi tar-responsabbiltà tal-Istat prevista fid-dritt intern tiġi interrotta bil-ftuħ ta' proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 226 KE jew li tiġi sospiża sat-tmiem ta' dawk il-proċeduri.

4. Id-dritt Komunitarju, fl-istat attwali tiegħu, ma jeħtieġx fi kwalunkwe każ li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' pretensjoni ta' dritt għal kumpens għad-danni mill-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju li tkun ibbażata fuq traspożizzjoni ħażina ta' direttiva, pretensjoni li toriġina minn projbizzjoni (*de facto*) fuq l-importazzjoni, jibda jiddekorri biss mill-mument meta sseħħ it-traspożizzjoni sħiħa ta' dik id-direttiva.

5. Id-dritt Komunitarju ma jipprekludix regola nazzjonali li tistipula li individwu ma jistax jitlob kumpens għad-danni meta jkun naqas, intenzjonalment jew b'negliġenza, milli jipprevjeni li d-dannu jseħħ billi juża rimedju legali alternattiv, anki jekk il-qorti li quddiemha tkun tinsab il-kawża x'aktarx ma tkunx tista' ssolvi l-kwistjonijiet tad-dritt Komunitarju inkwistjoni fil-kawża mingħajr ma tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej jew jekk diġà jkunu tressqu proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu abbażi tal-Artikolu 226 KE.